Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 26 ta' Novembru 2021
(OR. en)**

**14386/21**

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0375(COD)**

**AG 111
INST 422
PE 114
FIN 931
DATAPROTECT 272
CODEC 1554
DISINFO 39
FREMP 280**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 25 ta' Novembru 2021 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru. dok. preċ.: | ST 14388/21 |
| Nru dok. Cion: | COM(2021) 734 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (riformulazzjoni) |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 734 final.

---

Mehmuż: COM(2021) 734 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.11.2021
COM(2021) 734 final

2021/0375 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (riformulazzjoni)**

{SEC(2021) 577 final} - {SWD(2021) 359 final} - {SWD(2021) 360 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

**Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Id-demokrazija hija waħda mill-valuri fundamentali li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea. Sabiex jiġi ggarantit il-funzjonament ta' demokrazija rappreżentattiva f'livell Ewropew, it-Trattati jistipulaw li ċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea huma direttament rappreżentati fil-Parlament Ewropew.

Il-partiti politiċi jaqdu rwol essenzjali f'demokrazija rappreżentattiva, u joħolqu rabta diretta bejn il-poplu tagħhom u s-sistema politika. F'konformità mal-Artikolu 10 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-partiti politiċi *" jikkontribwixxu għall-formazzjoni ta' l-għarfien politiku Ewropew u għall-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini tal-Unjoni"*. L-Artikolu 12(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jesprimi l-istess prinċipju.

Hija prijorità għall-Kummissjoni li tingħata spinta ġdida lid-demokraziji Ewropej. Kif imħabbar fil-linji gwida politiċi tal-President von der Leyen[1], il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2021[2] jinkludi proposti għal regoli aktar ċari dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u għal aktar trasparenza fil-kontenut politiku sponsorizzat ("reklamar politiku"). Il-pjan ta' azzjoni għad-Demokrazija Ewropea[3] jenfasizza l-bżonn li jsir rieżami tal-leġiżlazzjoni dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-bżonn għal aktar trasparenza fir-reklamar politiku u l-komunikazzjoni, kif ukoll fl-attivitajiet kummerċjali relatati miegħu. Dan sabiex il-votanti, is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet responsabbli jkunu jistgħu jaraw b'mod ċar is-sors u l-iskop ta' dan ir-reklamar.

Ir-Regolament Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej[4]. Dan jinkludi b'mod partikolari r-rispett għall-valuri li fuqhom hija msejsa l-UE, li jinkludu d-demokrazija u d-drittijiet fundamentali.

Wara li l-Parlament Ewropew[5] u l-Kummissjoni[6] evalwaw l-applikazzjoni tar-Regolament li għamlu f'konformità mal-klawsola ta' reviżjoni tar-Regolament (l-Artikolu 38), ġew identifikati għadd ta' lakuni, li jxekklu lill-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej milli jwettqu għalkollox il-missjoni tagħhom li jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' spazju politiku Ewropew.

Barra minn hekk, il-qafas legali attwali ma jindirizzax biżżejjed il-ħtieġa għat-trasparenza tar-reklamar politiku, li hija essenzjali biex ikun hemm dibattitu demokratiku ġust u elezzjonijiet

[1] political-guidelines-next-commission_mt_0.pdf (europa.eu)

[2] https://ec.europa.eu/info/publications/2021-commission-work-programme-key-documents_mt.

[3] https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/new-push-european-democracy/european-democracy-action-plan_en

[4] ĠU L 317 of 4.11.2014, pp. 1-27.

[5] https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/A-9-2021-0294_EN.pdf

[6] COM(2021) 717 final tat-23.11.2021

ħielsa u ġusti. Kif enfasizzat, fost l-oħrajn, fir-rapport tal-Kummissjoni tal-2020 dwar l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019[7], hemm bżonn li jsir aktar.

Il-Kummissjoni għalhekk qed tippreżenta proposta biex temenda r-Regolament 1141/2014 sabiex (i) iżżid il-vijabbiltà finanzjarja tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, (ii) tiffaċilita l-interazzjonijiet tagħhom mal-partiti membri nazzjonali tagħhom, biex b'hekk il-partiti politiċi Ewropej ikunu jistgħu jipparteċipaw aktar faċilment f'kampanji nazzjonali dwar suġġetti tal-UE, (iii) tagħlaq il-lakuni li fadal fir-rigward tas-sorsi u t-trasparenza tal-finanzjament (b'mod partikolari, id-donazzjonijiet u l-finanzjament minn barra l-UE), (iv) tnaqqas il-piż amministrattiv eċċessiv, u (v) iżżid iċ-ċertezza legali. Barra minn hekk, qed jiġu proposti emendi speċifiċi għar-Regolament biex jiġu ggarantiti standards għoljin ta' trasparenza li jindirizzaw il-kuntest ġdid li qed jiżviluppa ta' kampanji politiċi online u r-riskju ta' interferenza barranija u l-ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* fir-reklamar politiku.

Din il-proposta tibni fuq l-esperjenza rilevanti u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE biex tippromwovi elezzjonijiet ħielsa u ġusti fl-Unjoni Ewropea[8] u tikkumbatti d-diżinformazzjoni u forom oħra ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza fid-demokrazija Ewropea[9].

Sabiex jiġi żgurat li l-elezzjonijiet tal-2024 għall-Parlament Ewropew isiru skont l-ogħla standards demokratiċi, hemm bżonn li l-emendi għal dan ir-Regolament jidħlu fis-seħħ u jiġu għalkollox implimentati mill-Istati Membri sar-rebbiegħa tal-2023, jiġifieri sena qabel l-elezzjonijiet.

## Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Din il-inizjattiva hija wkoll relatata mill-qrib max-xogħol li qed isir fl-inizjattivi l-oħra fil-pakkett tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2021 dwar it-trasparenza u d-demokrazija. L-inizjattiva tħejjiet fil-kuntest tal-pjan ta' azzjoni għad-Demokrazija Ewropea, li jinkludi għadd ta' inizjattivi biex jgħinu jipproteġu l-integrità elettorali u jippromwovu l-parteċipazzjoni demokratika, u hija parti mill-prijorità tal-President li tagħti spinta ġdida lid-demokrazija Ewropea.

Tkompli tibni fuq il-pakkett elettorali tal-Kummissjoni għall-2018[10] u l-ħidma tan-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet, li waqqfet il-Kummissjoni.

L-inizjattiva tħejjiet b'mod parallel ma' inizjattiva tal-Kummissjoni fil-pakkett dwar it-trasparenza u d-demokrazija biex tirregola t-trasparenza u tiffoka fuq ir-reklamar politiku. Billi tipprovdi livell għoli armonizzat ta' trasparenza tar-reklamar politiku, din l-inizjattiva

[7] COM(2020) 252 final tad-19.06.2020 u SWD(2020) 113 final tad-19.06.2020

[8] B'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni tal-pakkett elettorali tal-Kummissjoni ta' Settembru 2018 li huwa deskritt fir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-elezzjonijiet tal-2019 u d-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjah

[9] Bil-gwida tal-Pjan ta' azzjoni kontra d-diżinformazzjoni, li jirrapportaw dwaru l-Komunikazzjoni konġunta, "Nindirizzaw id-diżinformazzjoni dwar il-COVID-19", tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-ewwel sena tal-operat tal-Kodiċi ta' Prattika awtoregolatorju dwar id-Diżinformazzjoni, u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Tisħiħ tal-Kodiċi ta' Prattika tal-UE dwar id-Diżinformazzjoni".

[10] L-Istat tal-Unjoni 2018:Il-Kummissjoni Ewropea tipproponi miżuri għal elezzjonijiet Ewropej liberi u ġusti (europea.eu)

tikkontribwixxi għall-funzjonament tas-suq intern u tgħin biex jitneħħew u jiġu evitati l-ostakli għall-forniment ta' servizzi ta' reklamar politiku madwar l-Unjoni. Għandha wkoll l-għan li tistabbilixxi limitazzjonijiet armonizzati dwar l-użu ta' ċerti tekniki ta' mmirar fid-diffużjoni tar-reklamar politiku biex tiggarantixxi l-protezzjoni tal-individwi li d-*data* personali tagħhom tkun qed tiġi pproċessata f'dan il-kuntest.

**Konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika oħra tal-UE**

Billi żżid id-dispożizzjonijiet biex tikber it-trasparenza tar-reklamar politiku mħallas, l-inizjattiva hija konsistenti mal-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra d-diżinformazzjoni.

Din l-inizjattiva tindirizza l-finanzjament, it-tħejjija, it-tqegħid u d-diffużjoni tar-reklamar politiku mill-partiti politiċi Ewropej. Tkopri kemm attivitajiet online kif ukoll offline u tikkomplementa r-regoli eżistenti tal-UE inkluż ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*[11], li jistabbilixxi standards għoljin tal-protezzjoni tad-*data* li japplikaw għar-reklamar politiku u jipprevedi rekwiżiti speċifiċi li japplikaw għall-partiti politiċi Ewropej f'termini ta' responsabbiltà u obbligu ta' rendikont.

Din il-proposta tikkomplementa l-proposta għall-Att dwar is-Servizzi Diġitali[12], li tinkludi ċerti obbligi ġenerali ta' trasparenza għall-intermedjarji online fir-rigward tat-trasparenza tar-reklamar online, u l-qafas usa' tal-UE għas-suq tas-servizzi diġitali.

[13]L-inizjattiva tipprovdi protezzjoni aktar b'saħħitha rigward l-interessi finanzjarji tal-Unjoni billi telimina l-perjodu ta' tliet xhur bejn deċiżjoni ta' dereġistrazzjoni mill-Awtorità u d-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew identifika l-kategoriji limitati ta' dħul rikonoxxuti mir-Regolament 1141/2014 bħala waħda mir-raġunijiet għall-irregolaritajiet finanzjarji mill-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej. L-introduzzjoni ta' kategorija addizzjonali ta' dħul ("riżorsi proprji") se tindirizza din il-problema.

L-inizjattiva proposta hija f'sinerġija mal-isforzi li tmexxi l-UE esternament b'appoġġ għall-partiti politiċi, id-demokrazija rappreżentattiva u l-pluraliżmu politiku, it-trasparenza u r-responsabbiltà, kif rifless fil-"Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024"[14] u l-"Programm Tematiku għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2021-2027"[15]. Il-Missjonijiet Elettorali tal-UE josservaw u jirrapportaw dwar il-kampanji elettorali, il-finanzjament tal-partiti politiċi u tal-kampanji u jistgħu jirrakkomandaw miżuri lill-pajjiżi sħab biex itejbu l-qafas regolatorju tagħhom f'dan ir-rigward.

---

11 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE ( ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1–88).

12 https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12418-Digital-Services-Act-package-ex-ante-regulatory-instrument-of-very-large-online-platforms-acting-as-gatekeepers u https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12417-Digital-Services-Act-deepening-the-Internal-Market-and-clarifying-responsibilities-for-digital-services

13 Strateġija tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri | Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu)

14 https://eeas.europa.eu/sites/default/files/eu_action_plan_on_human_rights_and_democracy_2020-2024.pdf

15 https://ec.europa.eu/international-partnerships/system/files/factsheet-global-europe-ndici-june-2021_mt.pdf

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### Bażi ġuridika

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 224 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jagħti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, is-setgħa li jistabbilixxu r-regolamenti li fuqhom iridu jimxu l-partiti politiċi f'livell Ewropew imsemmija fl-Artikolu 10(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u partikolarment ir-regoli li jirrigwardaw il-finanzjament tagħhom, kif ukoll fuq l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika[16].

### Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Billi r-Regolament eżistenti jipprevedi sistema fil-livell tal-UE, inkluż personalità ġuridika Ewropea speċifika għal partiti u fondazzjonijiet u finanzjament mill-baġit tal-UE, kull nuqqas f'din is-sistema jista' jiġi rrimedjat biss permezz ta' leġiżlazzjoni tal-UE. Azzjoni mill-Istati Membri waħedhom mhijiex għażla rilevanti.

Il-livell tal-UE huwa l-uniku livell li fih jistgħu jiġu stabbiliti r-regoli dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej. Għalhekk, il-bidliet speċifiċi proposti jikkonformaw bis-sħiħ mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Fit-tfassil ta' miżuri possibbli ta' riforma, il-Kummissjoni qagħdet attenta li tirrifletti l-prinċipji li jinsabu fil-Protokoll Nru 2 tat-Trattati.

### Proporzjonalità

Il-miżuri mmirati proposti ma jmorrux lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb l-objettiv fit-tul tal-iżvilupp u t-tisħiħ tad-demokrazija Ewropea u l-leġittimità tal-istituzzjonijiet tal-UE, billi jagħmlu lill-partiti politiċi Ewropej u lill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej atturi demokratiċi aktar effettivi u responsabbli.

Għaldaqstant, il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

### Għażla tal-istrument

Minħabba li hemm bżonn jiġu aġġornati l-lingwaġġ, ir-referenzi u d-dispożizzjonijiet skaduti, huwa xieraq li r-Regolament jiġi riformulat.

Billi din il-proposta hija r-riformulazzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-istess strument legali huwa l-aktar xieraq.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

### Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti

Il-proposta leġiżlattiva hija bbażata fuq ir-rapport ta' evalwazzjoni mħejji mill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 38 tar-Regolament 1141/2014.

[16] https://europa.eu/european-union/sites/europaeu/files/docs/body/consolidated_version_of_the_treaty_establishing_the_european_atomic_energy_community_mt.pdf

Hija tqis ukoll ir-rapport b'inizjattiva proprja tal-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 38 tar-Regolament 1141/2014.

**Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Fit-tħejjija tal-proposta attwali, il-Kummissjoni daħlet fi djalogu u konsultazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej.

Il-Kummissjoni organizzat diversi laqgħat ma' rappreżentanti tal-partiti politiċi u l-fondazzjonijiet politiċi fil-livell Ewropew, il-Parlament Ewropew (Membri, gruppi politiċi u servizzi), u l-Awtorità għall-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, kif ukoll esperti nazzjonali u rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Il-proposta leġiżlattiva tislet ukoll mill-eżitu tal-konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar il-pjan ta' azzjoni għad-Demokrazija Ewropea[17], dwar ir-reviżjoni tar-Regolament 1141/2014[18] u dwar it-trasparenza tar-reklamar politiku[19].

**Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Fit-tħejjija ta' din il-proposta, il-Kummissjoni kkuntrattat żewġ studji esperti esterni; evalwazzjoni tar-Regolament attwali u studju dwar l-impatti possibbli tar-reviżjoni tiegħu.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonsultat b'mod informali lill-Awtorità għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, kif ukoll lill-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni tal-Parlament Ewropew.

**Valutazzjoni tal-impatt**

Tħejjew żewġ rapporti ta' valutazzjoni tal-impatt; wieħed dwar ir-reviżjoni tar-Regolament 1141/2014 u t-tieni wieħed dwar it-trasparenza tar-reklamar politiku.

It-tnejn li huma rċevew opinjoni pożittiva b'riżervi mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju, fis-27 ta' Settembru u fl-1 ta' Ottubru 2021 rispettivament.

**Drittijiet fundamentali**

Il-miżuri kollha previsti f'din ir-reviżjoni għandhom impatt pożittiv fuq id-drittijiet fundamentali.

Ir-reviżjoni tar-Regolament 1141/2014 hija kompletament kompatibbli mad-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-parteċipazzjoni politika, kif ukoll tagħtihom effett. Jiġifieri:

---

17 Ir-riżultati jinsabu hawn: https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/report_edap_public_consultation_final.pdf

18 Ir-riżultati jinsabu hawn: https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12811-European-political-parties-and-foundations-review-of-rules-on-legal-status-and-funding/public-consultation_mt

19 Ir-riżultati huma disponibbli hawn: https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12826-Transparency-of-political-advertising/public-consultation_mt

Il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni (l-Artikolu 11)

*"1. Kull persuna għandha d-dritt għal-libertà tal-espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-libertà ta' opinjoni u l-libertà li tirċievi jew tagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil mill-awtorità pubblika u indipendentement mill-fruntieri.*

*2. Il-libertà u l-pluraliżmu tal-mezzi tal-komunikazzjoni għandhom ikunu rrispettati."*

Il-miżuri previsti se jżidu t-trasparenza u għalhekk l-obbligu ta' rendikont u mhux se jaffettwaw b'mod negattiv il-libertà tal-espressjoni, billi l-inizjattiva ma tinterferixxix mal-kontenut tal-messaġġi politiċi. Din id-divulgazzjoni aktar trasparenti u responsabbli tar-reklami politiċi għandha wkoll riperkussjonijiet pożittivi fuq il-protezzjoni tal-gruppi vulnerabbli mill-manipulazzjoni.

Il-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni (l-Artikolu 12)

"1. Kull persuna għandha d-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika u għal-libertà ta' assoċjazzjoni f'kull livell, b'mod partikolari fil-qasam politiku, tat-trade unions, u ċiviku, li jimplika d-dritt ta' kull persuna li tifforma trade unions flimkien ma' oħrajn u li tissieħeb magħhom għall-protezzjoni tal-interessi tagħha.

2. Il-partiti politiċi fil-livell tal-Unjoni jikkontribwixxu għall-espressjoni tar-rieda politika taċ-ċittadini tal-Unjoni."

Billi jiċċaraw ir-regoli finanzjarji li jirregolaw il-partiti politiċi Ewropej u jsaħħu r-relazzjonijiet tagħhom mal-partiti membri nazzjonali tagħhom, il-partiti politiċi Ewropej se jkunu jistgħu jżidu l-attivitajiet tagħhom. Dan imbagħad se jappoġġa l-Artikolu 12(2) tal-Karta.

Dritt tal-vot u dritt tal-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew (l-Artikolu 39)

"1. Kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt li jivvota u li joħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-Istat Membru fejn jirrisjedi, bl-istess kundizzjonijiet applikabbli għaċ-ċittadini ta' dak l-Istat.

2. Il-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom jiġu eletti b'vot dirett universali li hu liberu u sigriet".

Trasparenza akbar se tiżgura li dan id-dritt jiġi rrispettat u li n-nies ikollhom il-kapaċità li jivverifikaw jekk ir-rieda politika tagħhom hijiex espressa mill-partit li huma jappoġġaw fil-livell tal-UE kif stipulat fl-Artikoli 12 u 39.

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel (l-Artikolu 23)

"L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel għandha tiġi żgurata fl-oqsma kollha, inklużi l-impjieg, ix-xogħol u l-paga. Il-prinċipju ta' ugwaljanza ma għandux jimpedixxi li jinżammu fis-seħħ jew jiġu adottati miżuri maħsuba biex jagħtu vantaġġi speċifiċi lis-sess l-anqas irrappreżentat."

Iż-żieda ta' dimensjoni tal-ġeneru fir-reviżjoni tar-Regolament tiżgura konformità mal-Artikolu 23 billi tiggarantixxi rappreżentanza bbilanċjata taż-żewġ ġeneri fil-partiti politiċi. Il-prinċipju jippermetti miżuri li jwasslu għal rappreżentanza aħjar.

Id-dispożizzjonijiet proposti fl-Artikoli 3, 4, 18 u 27 tar-Regolament biex tiżdied it-trasparenza tal-parità bejn il-ġeneri se jappoġġaw l-Artikolu 23 tal-Karta.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

It-tnaqqis tar-rata ta' kofinanzjament għall-partiti politiċi Ewropej mill-10 % attwali għal 5 % u r-rata l-ġdida ta' kofinanzjament ta' 0 % għas-sena tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, jistgħu jirrikjedu l-konċessjoni ta' riżorsi finanzjarji addizzjonali għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej. Madankollu, dan se jkun f'idejn l-awtorità baġitarja biex tiddeċiedi fuq bażi annwali.

L-implikazzjonijiet baġitarji għall-Awtorità għall-partiti politiċi Ewropej huma ddettaljati fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva mehmuża ma' din il-proposta. Jenħtieġ li dan isir permezz tar-riallokazzjoni tar-riżorsi eżistenti, u se jirrikjedi l-modifika tal-pjanijiet ta' stabbiliment tal-istituzzjonijiet kontribwenti.

Il-Kummissjoni tista' tikkummissjona, f'isem l-Awtorità għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, proġett pilota tar-Repożitorju previst fl-emenda għall-Artikolu 7 tar-Regolament. Għal dan il-għan, tista' tuża riżorsi mill-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (Citizens, Equality, Rights and Values, CERV), jekk il-fondi meħtieġa ma jkunux jistgħu jsiru disponibbli fil-ħin għall-elezzjonijiet tal-2024 għall-Parlament Ewropew.

## 5. ELEMENTI OĦRA

### Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar

L-Artikolu 38 tar-Regolament attwalment jipprevedi l-użu sussegwenti tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u reviżjoni kull ħames snin. Fid-dawl tal-esperjenza attwali, din id-dispożizzjoni se tiġi kemxejn modifikata sabiex talloka aħjar iż-żmien meħtieġ biex jitwettaq dan il-proċess ta' evalwazzjoni.

Huwa maħsub ukoll li jkun hemm proċess ta' evalwazzjoni separat fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-proċeduri dwar it-trasparenza tar-reklamar politiku, sabiex tiġi ppreservata l-koerenza mar-Regolament (UE) 2022/XX [dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku].

Il-bidliet li saru fil-qafas legali bħala riżultat ta' din ir-reviżjoni se jiġu mmonitorjati fuq il-bażi tal-indikaturi fir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt[20].

### Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

Sabiex jaqdu r-rwol tagħhom kif definit fl-Artikolu 10(4) TUE, il-partiti politiċi Ewropej għandhom ikunu jistgħu jwettqu kampanji transfruntieri fl-Unjoni Ewropea. Id-definizzjoni ta' "partit politiku Ewropew" fl-Artikolu 2(3) se tiġi emendata biex tinkorpora dan il-kunċett.

Id-definizzjoni ta' fondazzjoni politika Ewropea fl-Artikolu 2(4) se tiġi emendata biex tippermetti li jiġu organizzati attivitajiet ta' bini ta' kapaċità li jistgħu jgħinu biex jiffurmaw tmexxija politika futura fl-Ewropa.

[20] SWD(2021) 359 final tat-23.11.2021

Sabiex tiġi ggarantita t-trasparenza tar-reklamar politiku mħallas, l-Artikolu 2(16) u (17) se jintroduċi definizzjoni ta' reklamar politiku u ta' reklam politiku billi jirreferi għar-Regolament (UE) 2022/XX dwar [it-trasparenza ta' reklamar politiku mħallas].

Ir-Regolament attwali għandu definizzjoni restrittiva ħafna ta' sorsi ta' dħul, limitata jew għal kontribuzzjonijiet jew donazzjonijiet, u dan joħloq diffikultajiet għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej meta jippruvaw jikkategorizzaw u jagħmlu kontabbiltà xierqa tar-riżorsi awtoġenerati. Artikolu 2(9) ġdid għalhekk se jintroduċi t-tielet kategorija ta' sorsi ta' dħul marbuta mad-dħul finanzjarju maħluq mill-attività tal-partit jew tal-fondazzjoni. L-Artikolu 23 se jiġi emendat biex jillimita d-dħul minn din il-kategorija l-ġdida sabiex ma jassumix dimensjonijiet eċċessivi fir-rigward tal-baġit kumplessiv tal-entità.

Barra minn hekk, se jiġi introdott Artikolu 2(10) ġdid sabiex jiċċara l-kunċett ta' finanzjament indirett u l-fatt li jenħtieġ li l-projbizzjoni tiegħu ma tkunx timpedixxi lill-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej milli jinvolvu ruħhom mal-partiti u l-organizzazzjonijiet membri tagħhom.

L-Artikolu 3(1) punt (e) u l-Artikolu 3(2) punt (d) se jiġu emendati biex jiċċaraw li l-obbligu ta' konformità mal-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni, kif iddikjarat fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mhux biss japplika għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej iżda li jenħtieġ li dawn il-partiti u fondazzjonijiet politiċi Ewropej jiżguraw ukoll li l-partiti membri u l-organizzazzjonijiet membri tagħhom josservaw tali valuri.

Jenħtieġ li -politika Ewropea tkun tirrifletti d-diversità tas-soċjetajiet tagħha. B'mod partikolari, biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-partiti politiċi Ewropej se jkunu meħtieġa jinkludu r-regoli interni tagħhom dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-istatuti tagħhom skont l-Artikolu 4. Barra minn hekk, l-Artikolu 21 se jiġi emendat biex tintalab evidenza mill-partiti politiċi Ewropej dwar ir-rappreżentanza tal-ġeneri meta japplikaw għall-finanzjament tal-UE. L-Artikolu 30 se jiġi emendat biex jinkludi sanzjonijiet jekk partit politiku Ewropew jonqos milli jipprovdi tali evidenza. Il-partiti politiċi Ewropej huma mħeġġa wkoll jipprovdu, fir-rigward tal-partiti membri tagħhom, informazzjoni dwar l-inklużività u r-rappreżentanza tal-minoranzi.

L-Artikolu 4 jistipula li l-istatuti tal-partit politiku Ewropew iridu jinkludu regoli interni għall-użu tar-reklamar politiku.

L-Artikolu 5, li jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' trasparenza għar-reklamar politiku, se jiddaħħal fir-Regolament. Dan l-artikolu jipprevedi obbligi applikabbli għall-partiti politiċi Ewropej, jiġifieri: (i) il-fornituri ta' servizzi ta' reklamar politiku li jaħdmu magħhom iridu jikkonformaw għalkollox mal-obbligi tagħhom previsti fir-Regolament 2022/xx, (ii) għal kull reklamar politiku li huma jisponsorizzaw jew jippubblikaw direttament, trid tiġi inkluża informazzjoni xierqa fir-repożitorju ġestit mill-Awtorità għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, u (iii) trid tiġi stabbilita politika għall-użu tar-reklamar politiku. Barra minn hekk, jekk jużaw tekniki ta' mmirar jew amplifikazzjoni li jinvolvu l-ipproċessar ta' *data* personali għal reklamar politiku, iridu jiggarantixxu konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament 2022/xx.

L-Artikolu 5 jistabbilixxi wkoll obbligu għall-Istati Membri biex jaħtru awtoritajiet regolatorji nazzjonali kompetenti biex jissorveljaw il-konformità tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu, u jagħti s-setgħa lill-awtoritajiet superviżorji msemmija fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2016/679 biex jissorveljaw l-użu ta' tekniki ta' mmirar jew amplifikazzjoni li jinvolvu l-ipproċessar ta' *data* personali mill-partiti politiċi Ewropej. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 5

jipprovdi bażi għall-adozzjoni ta' atti delegati biex tiġi emendata l-informazzjoni trażmessa lir-repożitorju ġestit mill-Awtorità għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, u l-informazzjoni inkluża fil-politika għall-użu tar-reklamar politiku.

Ir-Reġistru stabbilit fl-Artikolu 8 se jinkludi repożitorju għad-divulgazzjonijiet li jridu jsiru mill-partiti politiċi Ewropej lill-Awtorità skont l-Artikolu 5.

Ir-Regolament 1141/2014 attwalment fih lakuna dwar jekk nefqa hijiex eliġibbli għal finanzjament mill-UE matul il-perjodu ta' tliet xhur meta jkunu ttieħdu deċiżjonijiet ta' dereġistrazzjoni iżda jkunu għadhom ma daħlux fis-seħħ. L-Artikoli 10 u 19 għalhekk se jiġu emendati biex jeliminaw dan il-perjodu ta' tliet xhur biex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Se jiddaħħal l-Artikolu 13 li jistabbilixxi obbligu għall-Awtorità biex kull sena tfassal rapporti deskrittivi tad-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu matul is-sena ta' qabel mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li jsibu li partit politiku Ewropew kiser l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.

Attwalment, ir-Regolament 1141/2014 jistabbilixxi rata ta' kofinanzjament ta' 10 % u 5 % għall-partiti u għall-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, rispettivament, li jridu jikkorrispondu biex jibbenefikaw mill-ammont massimu tal-kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE disponibbli għalihom. Billi xi partiti politiċi Ewropej, b'mod partikolari dawk iżgħar, jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex jiġbru r-riżorsi meħtieġa biex jikkorrispondu mar-rata ta' kofinanzjament, l-Artikolu 20(4) se jiġi emendat biex inaqqas ir-rata għall-partiti politiċi Ewropej għal 5 %, f'konformità mar-rata għall-fondazzjonijiet politiċi Ewropej.

L-Artikolu 20(4) se jiġi emendat ukoll biex jippermetti rata ta' kofinanzjament ta' 0 % fis-sena tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

L-Artikolu 21 se jiġi emendat biex jiċċara r-rekwiżiti għall-wiri tal-logo tal-partit politiku Ewropew li huwa affiljat miegħu partit membru sabiex tikber il-viżibbiltà tal-partiti politiċi Ewropej fil-livell nazzjonali. L-Artikolu 30 se jiġi emendat biex jinkludi sanzjonijiet f'każ li partit politiku Ewropew jonqos milli jipprovdi evidenza fl-applikazzjoni tiegħu għal finanzjament mill-UE li l-logo tiegħu jintwera mill-partiti membri tiegħu.

L-Artikolu 21 se jkun fih ukoll l-obbligu li partit politiku Ewropew jinkludi evidenza li jikkonforma mal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament meta japplika għall-finanzjament tal-baġit tal-Unjoni Ewropea. Għandu jinkludi wkoll evidenza li jżomm politika aġġornata dwar l-użu tar-reklamar politiku u li din il-politika implimentaha matul it-12-il xahar ta' qabel id-data finali għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet.

Sabiex jingħalqu l-lakuni fir-reġim ta' trasparenza għad-donazzjonijiet, l-Artikolu 23 se jintroduċi mekkaniżmu ta' diliġenza dovuta għal donazzjonijiet ta' aktar minn EUR 3 000. Barra minn hekk, l-Artikolu 23 se jiġi emendat ukoll biex jagħti s-setgħa lill-Awtorità għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej li titlob informazzjoni addizzjonali direttament mingħand id-donaturi fejn ikollha raġunijiet biex temmen li ngħatat donazzjoni bi ksur tar-Regolament. L-emenda tal-Artikolu 36 se ġġib aktar trasparenza pubblika billi teżiġi li l-Awtorità għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej u l-Parlament Ewropew jippubblikaw informazzjoni f'format miftuħ u li jista' jinqara minn apparat, u jippubblikaw ir-rapporti ta' kull ġimgħa dwar id-donazzjonijiet u l-infieq tagħhom li l-Awtorità tirċievi mingħand il-partiti politiċi Ewropej matul is-sitt xhur qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

Ir-Regolament 1141/2014 ma jippermettix b'mod espliċitu li l-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej jiġbru kontribuzzjonijiet minn membri li s-sede tagħhom tkun barra mill-Unjoni Ewropea. Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Novembru 2020 fil-Kawża T-107/19 ikkonfermat li partit barra mill-UE ma kienx jaqa' fid-definizzjoni ta' "partit politiku" skont ir-Regolament 2004/2003, billi ma kienx "rikonoxxut minn, jew stabbilit f'konformità mal-ordni legali ta' mill-inqas Stat Membru wieħed". Konsegwentement, il-Qorti ddeċidiet li l-pagamenti minn membri li jinsabu barra mill-UE ma setgħux jitqiesu bħala kontribuzzjonijiet, biss bħala donazzjonijiet. Madankollu, din il-projbizzjoni tipprevjeni lill-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej milli jiżviluppaw rabtiet aktar b'saħħithom ma' membri li jikkondividu l-istess prinċipji barra mill-UE. L-Artikolu 23 (9) u (10) għalhekk se jiġi emendat biex jippermetti lill-partiti u lill-fondazzjoni politiċi Ewropej jiġbru kontribuzzjonijiet minn membri li jinsabu f'pajjiżi li jagħmlu parti mill-Kunsill tal-Ewropa. Biex jittaffa r-riskju ta' interferenza barranija u biex tiġi żgurata l-proporzjonalità, il-kontribuzzjonijiet mingħand membri barra l-UE se jkunu limitati għal 10 % tal-kontribuzzjonijiet totali (li, min-naħa tagħhom, huma limitati għal 40 % tal-baġit annwali tal-partit jew tal-fondazzjoni). Jenħtieġ li dan il-limitu massimu, flimkien mar-rekwiżit li l-partiti politiċi Ewropej jiżguraw li l-partiti membri tagħhom barra l-Unjoni josservaw valuri li huma ekwivalenti għal dawk tal-Artikolu 2 TUE, jipprevedi s-salvagwardji meħtieġa fir-rigward tal-finanzjament barrani.

Sabiex il-partiti politiċi Ewropej ikunu jistgħu jrawmu dibattiti fil-livell nazzjonali dwar kwistjonijiet Ewropej, dawn il-partiti se jitħallew jużaw il-fondi mill-baġit tal-UE f'kampanji ta' referendum nazzjonali dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tat-Trattati, skont l-Artikolu 25 emendat.

L-Artikolu 30 se jiġi emendat biex jimmodula s-sanzjonijiet li timponi l-Awtorità għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej. F'każ ta' ksur mhux kwantifikabbli tar-Regolament biex ir-reġim tas-sanzjonijiet isir aktar proporzjonat u adattat għall-iskop.

L-Artikolu 32 se jiġi emendat biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Awtorità u l-Uffiċjal ta' Awtorizzazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni u l-interpretazzjoni tar-Regolament, biex b'hekk tittejjeb iċ-ċertezza legali għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej. Jenħtieġ li l-Artikolu 33 jiġi ċċarat u jirreferi b'mod espliċitu għad-dritt li l-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej jinstemgħu qabel ma jiġu imposti s-sanzjonijiet. Dan huwa partikolarment importanti minħabba li, attwalment, ir-Regolament ma jipprevedix appell amministrattiv għad-deċiżjonijiet tal-Awtorità. Barra minn hekk, l-ewwel rapport ta' evalwazzjoni wara l-adozzjoni tar-Regolament imfassal mill-ġdid se jivvaluta l-ħtieġa eventwali li jiġi introdott appell ta' livell intermedju kontra d-deċiżjonijiet tal-Awtorità.

L-Artikolu 40 huwa emendat biex jinkludi setgħat ta' delega fir-rigward tal-Artikolu 5(2) u (3). Fl-aħħar nett, l-Artikolu 44 dwar id-dispożizzjonijiet tranżitorji huwa emendat ukoll biex jistabbilixxi dispożizzjonijiet tranżitorji li jikkonċernaw l-Artikolu 5(3) u l-Artikolu 21, il-punt (4) u l-punt (5).

🡻 1141/2014

2021/0375 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (riformulazzjoni)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 224 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[21],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[22],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri[23],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

⇩ ġdid

(1) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24]ġie emendat sostanzjalment diversi drabi[25]. Billi għad iridu jsiru emendi ulterjuri, jenħtieġ li dan ir-Regolament jiġi riformulat fl-interess taċ-ċarezza.

🡻 1141/2014 premessa 1

(2) L-Artikolu 10(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikolu 12(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta) jiddikjaraw li l-partiti

21 ĠU C […], […], p. […].

22 ĠU C […], […], p. […].

23 ĠU C […], […], p. […].

24 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (ĠU L 317, 4.11. 2014, p. 1).

25 Ara l-Anness III.

politiċi fil-livell Ewropew jikkontribwixxu għall-formazzjoni tal-għarfien politiku Ewropew u għall-espressjoni tar-rieda politika taċ-ċittadini tal-Unjoni.

---

🡻 1141/2014 premessa 2

(3) L-Artikoli 11 u 12 tal-Karta jiddikjaraw li d-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni f'kull livell, pereżempju f'materji politiċi u ċiviċi, u d-dritt għal-libertà ta' espressjoni, li jinkludi l-libertà ta' opinjoni u l-libertà li tirċievi jew tagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil mill-awtorità pubblika u indipendentement mill-fruntieri, huma drittijiet fundamentali ta' kull ċittadin tal-Unjoni.

---

🡻 1141/2014 premessa 3

(4) Jenħtieġ li ċ-ċittadini Ewropej ikunu jistgħu jużaw dawk id-drittijiet sabiex jipparteċipaw għalkollox fil-ħajja demokratika tal-Unjoni.

---

🡻 1141/2014 premessa 4

(5) Partiti politiċi Ewropej tassew transnazzjonali u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej affiljati magħhom għandhom rwol ewlieni fit-twassil tal-ilħna taċ-ċittadini fil-livell Ewropew billi jservu ta' pont bejn il-politika fil-livell nazzjonali u f'dak tal-Unjoni.

---

🡻 1141/2014 premessa 5

(6) Jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej affiljati magħhom jiġu mħeġġa u assistiti fil-missjoni tagħhom li jipprovdu konnessjoni qawwija bejn is-soċjetà ċivili tal-Unjoni u l-istituzzjonijiet Ewropej, b'mod partikolari l-Parlament Ewropew.

---

🡻 1141/2014 premessa 6 (adattata)

~~L-esperjenza li kisbu l-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej affiljati magħhom fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2004/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, flimkien mar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2011 dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2004/2003, juri l-ħtieġa li jittejjeb il-qafas ġuridiku u finanzjarju għall-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej affiljati magħhom sabiex dawn ikunu jistgħu jsiru atturi aktar viżibbli u effettivi fis-sistema politika ta' diversi livelli tal-Unjoni.~~

---

🡻 1141/2014 premessa 7 (adattata)

(7) Bħala għarfien tal-missjoni attribwita lill-partiti politiċi Ewropej fit-TUE u sabiex jiġi ffaċilitat xogħolhom, jenħtieġ jiġi ~~stabbilit~~ ⌦stipulat ⌫*status* ġuridiku speċifiku Ewropew għall-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej affiljati magħhom.

↓ 1141/2014 premessa 8 (adattata)

(8) ~~Għandha tiġi stabbilita~~ ⌦L-⌫Awtorità għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ("l-Awtorità") ⌦ hija korp tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li ~~għal~~l-finijiet tagħha huma ⌫ ~~ta' reġistrazzjoni, kontroll u impożizzjoni ta'~~ ⌦ li tirreġistra, tikkontrolla u timponi ⌫ sanzjonijiet fuq il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej. Jenħtieġ li r-reġistrazzjoni tkun rekwiżit biex jinkiseb l-*istatus* ġuridiku Ewropew, li jinvolvi sensiela ta' drittijiet u obbligi. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe konflitt ta' interessi, jenħtieġ li l-Awtorità tkun indipendenti.

↓ 1141/2014 premessa 9

(9) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-proċeduri li jridu jiġu segwiti mill-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej affiljati magħhom biex jiksbu *status* ġuridiku Ewropew skont dan ir-Regolament, kif daqstant ieħor jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll il-proċeduri u l-kriterji li jridu jiġi rispettati biex tittieħed deċiżjoni jekk għandux jingħata tali *status* ġuridiku Ewropew. Huwa wkoll meħtieġ li jiġu stabbiliti l-proċeduri għall-każijiet meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jitilfu bħala piena, jitilfu jew iċedu l-*istatus* ġuridiku Ewropew tagħhom.

↓ 1141/2014 premessa 10 (adattata)

(10) Sabiex tiġi ffaċilitata s-sorveljanza tal-entitajiet ġuridiċi li jkunu suġġetti kemm għal-liġi tal-Unjoni u kemm għal dik nazzjonali, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 ~~tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (~~TFUE~~)~~ tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-funzjonament ta' reġistru tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej li għandu jiġi mmaniġġat mill-Awtorità ("ir-Reġistru"), b'mod partikolari fir-rigward tal-informazzjoni u d-dokumenti ta' sostenn miżmuma fir-Reġistru. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti ⌦ , u li dawn il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[26] ⌫. ~~Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal~~ ⌦ B'mod partikolari, biex tiġi ggarantita parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' ⌫ atti delegati, ~~għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-~~ il-Parlament Ewropew u ~~lil~~l-Kunsill ⌦jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati ⌫.

↓ 1141/2014 premessa 11

(11) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' dispożizzjonijiet dwar is-sistema tan-numri tar-reġistrazzjoni u estratti standard fir-reġistru li jridu jkunu disponibbli mill-Awtorità lil terzi meta jitolbuhom.

26 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Jenħtieġ li dawn is-setgħat jitħaddmu f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27].

---

🡻 1141/2014 premessa 12 (adattata)
⇨ ġdid

(12) Jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej affiljati magħhom li jkunu jixtiequ jiksbu għarfien bħal tali fuq livell tal-Unjoni billi jkollhom *status* ġuridiku Ewropew u ħalli jirċievu finanzjament pubbliku mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jirrispettaw ċerti prinċipji u jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet. B'mod partikolari, huwa meħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej, ~~u~~ il-fondazzjonijiet politiċi Ewropej assoċjati magħhom ⇨u l-membri rispettivi tagħhom fl-Unjoni ~~jirrispettaw~~ ⌦ josservaw ⌫ il-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni, kif jingħad fl-Artikolu 2 TUE. ⇨ Jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi affiljati magħhom jiggarantixxu li l-partiti membri u l-organizzazzjonijiet membri tagħhom josservaw dawn il-valuri. ⇦

---

⇩ ġdid

(13) Għall-finijiet tad-deċiżjonijiet li tieħu li tirreġistra, sabiex taċċerta li partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jkunu jikkonformaw mal-obbligi tagħha li josservaw il-valuri li hija msejsa fuqhom l-Unjoni, kif jispeċifika l-Artikolu 2 TUE, u biex tiżgura li l-membri tagħha josservaw dawn il-valuri, jenħtieġ li l-Awtorità tistrieħ fuq dikjarazzjoni bil-miktub li tinħareġ mill-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea billi tuża mudell mehmuż ma' dan ir-Regolament. Madankollu, meta l-Awtorità tintalab mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni biex tivverifika l-konformità ma' dawn il-valuri, jenħtieġ li s-setgħa tagħha ma tkunx testendi sal-ksur possibbli ta' dawn il-valuri minn partiti membri jew organizzazzjonijiet membri.

---

🡻 1141/2014 premessa 13

(14) Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet biex partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jinqatgħu mir-reġistru għal raġunijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni, kif espressi fl-Artikolu 2 TUE, jittieħdu biss f'każ ta' ksur manifest u serju ta' dawn il-valuri. Meta tieħu deċiżjoni ta' qtugħ mir-reġistru, jenħtieġ li l-Awtorità tirrispetta l-Karta għalkollox.

---

⇩ ġdid

(15) Għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u sabiex dan ir-Regolament ikun allinjat mal-Artikolu 297 TFUE, jenħtieġ li d-deċiżjonijiet dwar id-dereġistrazzjoni jidħlu fis-seħħ man-notifika.

---

27 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

🡻 1141/2014 premessa 14

(16) Jenħtieġ li l-istatuti ta' partit politiku Ewropew jew ta' fondazzjoni politika Ewropea jkun fihom sensiela ta' dispożizzjonijiet bażiċi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jimponu rekwiżiti addizzjonali għall-istatuti tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej li jkunu stabbilew is-sede tagħhom fuq it-territorji rispettivi tagħhom, kemm-il darba dawn ir-rekwiżiti addizzjonali ma jkunux inkonsistenti ma' dan ir-Regolament.

---

🡻 1141/2014 premessa 15 (adattata)

(17) Jenħtieġ li l-Awtorità regolarment tivverifika li l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti relatati mar-reġistrazzjoni ta' partiti politiċi Ewropej u fondazzjonijiet politiċi Ewropej ikomplu jiġu ssodisfati. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet relatati mar-rispett għall-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni kif espressi fl-Artikolu 2 TUE, jittieħdu biss f'konformità mal-proċedura speċifikament imfassla għal dan il-għan, wara konsultazzjoni ⌦mal-⌫kumitat ta' persuni eminenti indipendenti ⌦ stabbilit bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014⌫.

---

🡻 1141/2014 premessa 16 (adattata)

~~L-Awtorità hija korp tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 263 TFUE.~~

---

🡻 1141/2014 premessa 17

(18) Jenħtieġ li l-indipendenza u t-trasparenza tal-kumitat ta' persuni eminenti indipendenti jiġu ggarantiti.

---

🡻 2019/493 premessa 3 (adattata)

(19) ~~Avvenimenti riċenti taw prova tar-riskji potenzjali għall-proċessi elettorali u għad-demokrazija li jistgħu jiġu kkważati mil~~ ~~l~~ L-użu illegali ta' *data* personali ⌦ jista' jesponi d-demokraziji u l-proċessi elettorali għal riskji potenzjali ⌫. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li l-integrità tal-proċess demokratiku Ewropew tiġi protetta billi jiġu previsti sanzjonijiet finanzjarji f'sitwazzjonijiet meta l-partiti politiċi Ewropej jew l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej jieħdu vantaġġ mill-ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* personali bil-għan li jinfluwenzaw l-eżitu tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

---

🡻 2019/493 premessa 4 (adattata)

(20) Għal dan il-għan, jenħtieġ li tiġi ~~stabbilita~~ ⌦stipulata ⌫ proċedura ta' verifika li permezz tagħha l-Awtorità ~~jeħtiġilha~~ ⌦hija meħtieġa ⌫, f'ċerti ċirkostanzi, ⌦ li ⌫ titlob lill-kumitat ta' persuni eminenti indipendenti ~~stabbilit bir-Regolament (UE,~~

~~Euratom) Nru 1141/2014~~ jivvaluta jekk partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jkunux influwenzaw, jew ippruvaw jinfluwenzaw, deliberatament l-eżitu tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew billi jieħdu vantaġġ minn ksur tar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni ta' *data* personali. Meta~~,~~ ~~f'konformità mal-proċedura ta' verifika,~~ jinstab li dan ikun il-każ, jenħtieġ li l-Awtorità timponi sanzjonijiet ⌦effettivi, proporzjonati u dissważivi ⌫ ~~taħt is-sistema ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonali u dissważivi stabbilita mir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014~~.

---

🡻 2019/493 premessa 5 (adattata)

(21) ~~Meta~~ ⌦ Meta ⌫ l-Awtorità timponi sanzjoni fuq partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni Ewropea f'konformità mal-proċedura ta' verifika, jenħtieġ li tqis b'mod xieraq il-prinċipju ta' *ne bis in idem*, li bih ma jistgħux jiġu imposti sanzjonijiet darbtejn għall-istess reat. Jenħtieġ li l-Awtorità tiżgura wkoll li l-prinċipju taċ-ċertezza legali jiġi rrispettat u li l-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati jkunu ngħataw l-opportunità li jinstemgħu.

---

🡻 2019/493 premessa 7 (adattata)

(22) Billi ⌦ jenħtieġ li ⌫ l-proċedura l-ġdida tiġi attivata permezz ta' deċiżjoni ~~ta'~~ minn awtorità superviżorja nazzjonali kompetenti fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data*, jenħtieġ li jkun possibbli li l-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati jitolbu li s-sanzjoni tiġi rieżaminata jekk id-deċiżjoni ta' dik l-awtorità superviżorja nazzjonali tiġi revokata, jew ikun ingħata rimedju kontra dik id-deċiżjoni, sakemm ir-rimedji kollha nazzjonali jkunu ġew eżawriti.

---

🡻 1141/2014 premessa 18

(23) Jenħtieġ li l-*istatus* ġuridiku Ewropew mogħti lill-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet affiljati magħhom jagħtihom kapaċità u għarfien ġuridiċi fl-Istati Membri kollha. Tali kapaċità u għarfien ġuridiċi ma jagħtuhomx il-jedd li jinnominaw kandidati fl-elezzjonijiet nazzjonali jew elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew ~~jew li jipparteċipaw f'kampanji referendarji~~. Kull tali jedd jew jedd simili jibqa' fil-kompetenza tal-Istati Membri.

---

🡻 1141/2014 premessa 19

(24) Jenħtieġ li l-attivitajiet tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ikunu regolati minn dan ir-Regolament, u, fil-każ tal-materji li mhumiex regolati minn dan ir-Regolament, mid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi nazzjonali fl-Istati Membri. Jenħtieġ li l-*istatus* ġuridiku ta' partit politiku Ewropew jew ta' fondazzjoni politika Ewropea jkun regolat minn dan ir-Regolament u mid-dispożizzjonijiet applikabbli tal-liġi nazzjonali fl-Istat Membru fejn ikollhom is-sede ("l-Istat Membru tas-sede"). Jenħtieġ li l-Istat Membru tas-sede jkun jista' jiddefinixxi *ex ante* l-liġi applikabbli jew li jħalli d-dritt tal-għażla għall-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej. Jenħtieġ li l-Istat Membru tas-sede jkun jista' wkoll jimponi rekwiżiti oħra minflok dawk stipulati f'dan ir-Regolament, jew rekwiżiti addizzjonali għalihom, inklużi dispożizzjonijiet dwar ir-reġistrazzjoni u l-integrazzjoni tal-partiti u fondazzjonijiet politiċi Ewropej bħala tali fis-sistemi nazzjonali ta' amministrazzjoni u ta' kontroll u dwar l-organizzazzjoni u l-istatuti tagħhom inkluż dwar l-obbligu ta'

għoti ta' rendikont, kemm-il darba tali dispożizzjonijiet ma jkunux inkonsistenti ma' dan ir-Regolament.

---

↓ 1141/2014 premessa 20

(25) Bħala element ewlieni tas-sjieda tal-*istatus* ġuridiku Ewropew, jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej jkollhom personalità ġuridika Ewropea. Jenħtieġ li l-akkwist ta' personalità ġuridika Ewropea jkun suġġett għal rekwiżiti u proċeduri bil-għan li jiġu mħarsa l-interessi tal-Istat Membru tas-sede, tal-applikant għal *status* ġuridiku Ewropew ("l-applikant") u ta' kull terza persuna kkonċernata. B'mod partikolari, jenħtieġ li kull personalità ġuridika nazzjonali li kienet teżisti minn qabel tiġi kkonvertita għal personalità ġuridika Ewropea u jenħtieġ li kull dritt jew obbligu individwali li jkunu dovuti lill-entità ġuridika nazzjonali preċedenti jiġu trasferiti lill-entità ġuridika Ewropea l-ġdida. Barra minn hekk, bil-għan li tiġi aġevolata l-kontinwità tal-attività, jenħtieġ li jiddaħħlu fis-seħħ salvagwardji sabiex jiġi evitat li l-Istat Membru kkonċernat japplika kundizzjonijiet projbittivi fuq it-tali konverżjoni. L-Istat Membru tas-sede għandu jkun jista'jispeċifika liema tipi ta' persuni ġuridiċi nazzjonali jistgħu jiġu konvertiti għal persuni ġuridiċi Ewropej, u li jirrifjuta li japprova tali konverżjoni taħt dan ir-Regolament sa meta jkunu ngħataw garanziji adegwati, b'mod partikolari, għal-legalità tal-istatuti tal-applikant skont il-liġijiet ta' dak l-Istat Membru jew għall-protezzjoni tal-kredituri jew id-detenturi ta' drittijiet oħra fir-rigward ta' kwalunkwe personalità ġuridika nazzjonali li teżisti minn qabel.

---

↓ 1141/2014 premessa 21

(26) It-terminazzjoni ta' personalità ġuridika Ewropea għandha tkun suġġetta għal rekwiżiti u proċeduri bil-għan li jiġu mħarsa l-interessi tal-Unjoni, tal-Istat Membru tas-sede, tal-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea u ta' kwalunkwe terzi persuni kkonċernati. B'mod partikolari, jekk il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea jakkwistaw personalità ġuridika skont id-dritt tal-Istat Membru tas-sede tagħhom, dan għandu jitqies bħala konverżjoni tal-personalità ġuridika Ewropea u kwalunkwe dritt jew obbligu individwali li l-entità ġuridika Ewropea preċedenti tkun rispettivament kisbet jew ġarrbet għandhom jiġu trasferiti lill-entità ġuridika nazzjonali. Barra minn hekk, bil-għan li tiġi aġevolata l-kontinwità tal-attività, jenħtieġ li jiddaħħlu fis-seħħ salvagwardji sabiex jiġi evitat li l-Istat Membru kkonċernat japplika kundizzjonijiet projbittivi fuq it-tali konverżjoni. Meta l-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea ma jakkwistawx personalità ġuridika fl-Istat Membru tas-sede tagħhom, jenħtieġ li jiġu xolti f'konformità mal-liġi ta' dak l-Istat Membru u skont il-kundizzjoni li teżiġi li ma jiġux segwiti għanijiet ta' qligħ. Jenħtieġ li l-Awtorità u l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew ikunu jistgħu jaqblu dwar modalitajiet mal-Istat Membru kkonċernat fir-rigward tat-terminazzjoni tal-personalità ġuridika Ewropea, b'mod partikolari sabiex jiġi żgurat l-irkupru tal-fondi rċevuti mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u ta' kwalunkwe sanzjonijiet finanzjarji.

---

↓ 1141/2014 premessa 22

(27) Meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jonqsu serjament milli jikkonformaw mal-liġi nazzjonali rilevanti u jekk il-materja ikollha x'taqsam ma'

elementi li jaffettwaw ir-rispett għall-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni kif espressi fl-Artikolu 2 TUE, jenħtieġ li l-Awtorità għandha, wara talba mingħand l-Istat Membru kkonċernat, li tapplika l-proċeduri stipulati f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Awtorità tiddeċiedi, wara talba mingħand l-Istat Membru tas-sede, li taqta' mir-Reġistru partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea li tkun naqset serjament milli tikkonforma mal-liġi nazzjonali rilevanti dwar kwalunkwe materja oħra.

---

🡻 1141/2014 premessa 23 (adattata)

(28) Jenħtieġ li l-eliġibbiltà għall-finanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea tkun limitata għall-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej affiljati magħhom, li jkunu ġew rikonoxxuti bħala tali u li jkunu kisbu *status* legali Ewropew. Filwaqt li hu kruċjali li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet applikabbli għall-formazzjoni ta' partit politiku Ewropew ma jkunux eċċessivi iżda jkunu jistgħu jiġu milħuqa minn alleanzi transnazzjonali organizzati u serji ta' partiti politiċi jew ta' persuni fiżiċi, jew tat-tnejn, huwa wkoll meħtieġ li jiġu ~~stabbiliti~~ ⌦ stipulati ⌫ kriterji proporzjonati sabiex jiġu allokati riżorsi limitati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea liema kriterji jirriflettu b'mod oġġettiv l-ambizzjoni Ewropea u l-appoġġ elettorali ġenwin ta' partit politiku Ewropew. Tali kriterji huma bbażati l-aħjar fuq ir-riżultati tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, li fihom il-partiti politiċi Ewropej jew membri tagħhom ikunu obbligati li jikkontestaw taħt dan ir-Regolament, li jipprovdu indikazzjoni preċiża tal-għarfien elettorali ta' partit politiku Ewropew. Jenħtieġ li dawn jirriflettu r-rwol tal-Parlament Ewropew li jirrappreżenta direttament iċ-ċittadini tal-Unjoni, mogħti lilu bl-Artikolu 10(2) TUE, kif ukoll l-objettiv għall-partiti politiċi Ewropej li jipparteċipaw għalkollox fil-ħajja demokratika tal-Unjoni u li jsiru atturi attivi tad-demokrazija rappreżentattiva tal-Ewropa, sabiex jesprimu effettivament il-veduti, l-opinjonijiet u r-rieda politika taċ-ċittadini tal-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-eliġibiltà għall-fondi mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea tkun limitata għall-partiti politiċi Ewropej li jkunu rappreżentati fil-Parlament Ewropew b'minn tal-anqas membru wieħed minn tagħhom, u għall-fondazzjonijiet politiċi Ewropej li japplikaw permezz ta' partit politiku Ewropew li jkun rappreżentat fil-Parlament Ewropew b'minn tal-anqas membru wieħed minn tiegħu.

---

🡻 2018/673 premessa 6 (adattata)
⇨ ġdid

(29) Għal raġunijiet ta' trasparenza u sabiex jissaħħu l-iskrutinju u r-responsabbiltà demokratika tal-partiti politiċi Ewropej ~~u r-rabta bejn is-soċjetà ċivili Ewropea u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-Parlament Ewropew~~, jenħtieġ li l-aċċess għall-finanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jsir bil-kundizzjoni ~~li l-partiti membri tal-UE jippubblikaw~~ ⇨ li tingħata ċerta informazzjoni. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej jiżguraw li l-partiti membri tagħhom li jkollhom is-sede tagħhom fl-Unjoni jippubblikaw⇦ , b'mod ċarament viżibbli u faċli għall-utent, il-programm politiku u l-logo tal-partit politiku Ewropew ikkonċernat.

(30) ⇨ Jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej u l-partiti membri tagħhom imexxu bl-eżempju billi jagħlqu d-diskrepanza bejn il-ġeneri fid-dominju politiku Meta jixtiequ jibbenefikaw mill-fondi tal-UE jenħtieġ li l-partiti politiċi jkollhom regoli interni li jippromwovu l-bilanċ bejn il-ġeneri u jenħtieġ li jkunu trasparenti rigward il-bilanċ

bejn il-ġeneri tal-partiti membri tagħhom. ⇦ ~~L-inklużjoni ta' informazzjoni~~ ⇨Jenħtieġ li l-partiti politiċi jipprovdu evidenza tal-politika interna tagħhom ⇦dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri⇨ u dwar kif il-ġeneri huma rrappreżentati fil-partiti membri tagħhom fir-rigward tal-kandidati u l-Membri tagħhom fil-Parlament Ewropew⇦ ~~fir-rigward ta' kull wieħed mill-partiti membri tal-partit politiku Ewropew.~~ ⇨ Il-partiti politiċi Ewropej huma wkoll imħeġġa biex jipprovdu informazzjoni dwar il-membri politiċi tagħhom rigward l-inklużività u r-r-rappreżentanza tal-minoritajiet. ⇦

---

🡻 1141/2014 premessa 24 (adattata)

(31) Sabiex tiżdied it-trasparenza tal-iffinanzjar tal-partiti politiċi Ewropej, u sabiex jiġi evitat abbuż potenzjali tar-regoli tal-finanzjament, jenħtieġ li Membru tal-Parlament Ewropew, għall-għanijiet ta' finanzjament biss, jitqies bħala membru ta' partit politiku Ewropew wieħed biss, li, fejn rilevanti, jenħtieġ li jkun dak li miegħu il-partit nazzjonali jew reġjonali tiegħu jkun affiljat fid-data finali għall-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet għal finanzjament.

---

🡻 1141/2014 premessa 25
⇨ ġdid

(32) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-proċeduri li jridu jiġu segwiti mill-partiti politiċi Ewropej u mill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej affiljati magħhom meta dawn japplikaw għal finanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-proċeduri, il-kriterji u r-regoli li jridu jkunu rispettati meta tkun qed tittieħed deċiżjoni dwar l-għoti ta' tali finanzjament. ⇨ F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej jikkonformaw mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda. ⇦

---

⇩ ġdid

(33) Sabiex jindirizzaw id-diffikultajiet li jiffaċċaw il-partiti politiċi Ewropej, b'mod partikolari dawk żgħar, biex jiksbu l-10 % ta' kofinanzjament li jeżiġi r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, jenħtieġ li r-rata ta' kofinanzjament għall-partiti politiċi Ewropej tonqis għal 5 %, f'konformità mar-rata għall-fondazzjonijiet politiċi Ewropej.

(34) Ir-rata ta' kofinanzjament jenħtieġ li tonqos għal 0 % fis-sena tal-elezzjonijietgħall-Parlament Ewropew. It-tneħħija tal-obbligu ta' kofinanzjament fis-sena tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew tkun tgħin biex il-partiti politiċi Ewropej iżidu l-għadd u l-intensità tal-attivitajiet tal-kampanji tagħhom u, b'hekk, iżidu wkoll il-viżibilità tagħhom fil-livell nazzjonali.

---

🡻 1141/2014 premessa 26

(35) Sabiex jiġu msaħħa l-indipendenza, l-obbligu tal-għoti ta' rendikont u r-responsabbiltà tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, jenħtieġ li ċerti tipi ta' donazzjonijiet u kontribuzzjonijiet minn sorsi oltre l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jkunu pprojbiti jew suġġetti għal limitazzjonijiet. Kull restrizzjoni fuq il-moviment ħieles tal-kapital li tali limitazzjonijiet jistgħu jġibu magħhom tkun

iġġustifikata għal raġunijiet ta' politika pubblika u tkun strettament meħtieġa għall-ilħiq ta' dawk l-objettivi.

---

⇩ ġdid

(36) Jenħtieġ li jiġi introdott mekkaniżmu ta' diliġenza dovuta biex itejjeb it-trasparenza ta' donazzjonijiet kbar u jimminimizza r-riskju ta' indħil barrani minn dan is-sors. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej jitolbu lid-donaturi tagħhom biex jagħtuhom informazzjoni dettaljata ta' identifikazzjoni. Jenħtieġ li l;-Awtorità jkollha s-setgħa li titlob informazzjoni addizzjonali minn donaturi meta jkollha raġunijiet biex temmen li donazzjoni tkun ingħtat bi ksur ta' dan ir-Regolament.

(37) Sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' membri antiki li jikkondividu l-valuri tal-UE, jenħtieġ li jitħallew li jsiru kontribuzzjonijiet mill-partiti membri li jkollhom is-sede f'pajjiż barra mill-Unjoni iżda fil-Kunsill tal-Ewropa. Madankollu, jenħtieġ li tali kontribuzzjonijiet ikunu suġġetti għal limitu fir-rigward tal-kontribuzzjoni totali, sabiex jiġi llimitat ir-riskju ta' indħil barrani.

(38) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 jirrikonoxxi żewġ kategoriji biss ta' dħul għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej mill-baġit tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri kontribuzzjoniet minn membri u donazzjonijiet. Għadd ta' sorsi ta' dħul iġġenerati minn attivitajiet ekonomiċi proprji (bħall-bejgħ ta' pubblikazzjonijiet jew dħul mill-konferenzi) jaqgħu barra mill-ambitu ta' dawn iż-żewġ kategoriji, u joħolqu problemi ta' kontabilitstika u trasparenza. Għalhekk, jenħtieġ li tinħoloq it-tielet kategorija ta' dħul ("riżorsi proprji"). Jenħtieġ li l-proporzjon ta' riżorsi proprji fil-baġit totali ta' partit politiku jew fondazzjoni politika Ewropej jiġi limitat għal 5 % biex jiġi evitat li dan il-proporzjon ikollu dimensjoni eċċessiva fil-baġit globali ta' dawn l-entitajiet.

---

🡻 1141/2014 premessa 27
⇨ ġdid

(39) ⇨ Sabiex ikunu jistgħu jilħqu lill-membri u lill-kostitwenzi tagħhom madwar l-Unjoni, ⇦jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej ~~ikunu jistgħu jiffinanzjaw~~ ⇨ ikollhom id-dritt li jużaw il-finanzjament tagħhom għal kampanji politiċi transfruntieri ⇦. ~~mmexxija fil-kuntest ta' elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, filwaqt li~~ L ~~l~~-iffinanzjar u l-limitar tal-ispejjeż tal-elezzjoni għall-partiti u l-kandidati ~~f'tali elezzjonijiet~~⇨f'dawn il-kampanji⇦ jenħtieġ li jkun irregolat bir-regoli applikabbli f'kull Stat Membru.

---

🡻 1141/2014 premessa 32
⇨ ġdid

(40) Bil-għan li jgħinu biex jiżdied l-għarfien politiku Ewropew taċ-ċittadini u jippromwovu t-trasparenza ~~tal-proċess elettorali Ewropew~~, ⇦, il-partiti politiċi Ewropej jistgħu jinfurmaw liċ-ċittadini ~~matul l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew~~ bir-rabtiet li hemm bejniethom u bejn il-partiti politiċi nazzjonali affiljati magħhom u l-kandidati tagħhom.

↓ 1141/2014 premessa 28
⇨ ġdid

(41) Jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej ma jiffinanzjawx, direttament jew indirettament, partiti politiċi oħra u, b'mod partikolari, partiti jew kandidati nazzjonali. Jenħtieġ li l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ma jiffinanzjawx, direttament jew indirettament, partiti politiċi jew kandidati Ewropej jew nazzjonali. ⇨ Madankollu, jenħtieġ li l-projbizzjoni ta' finanzjament indirett ma tkunx ta' ostakolu għall-partiti politiċi Ewropej milli pubblikament jappoġġaw lill-partiti membri tagħhom fl-Unjoni u jiddjalogaw magħhom, jew milli jagħtu appoġġ lil attivitajiet politiċi fl-interess komuni, sabiex ikunu jistgħu jaqdu l-missjoni tagħhom skont l-Artikolu 10(4) TUE. Barra minn hekk, il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej affiljati magħhom ~~m'għandhomx~~ ⇨ jenħtieġ li jiffinanzjaw biss kampanji referendarji ⇨ meta dawn ikunu jikkonċernaw l-implimentazzjoni tat-TUE u t-TFUE ⇦. Dawn il-prinċipji jirriflettu d-Dikjarazzjoni Nru 11 dwar l-Artikolu 191 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea annessa mal-Att Finali tat-Trattat ta' Nizza.

↓ 1141/2014 premessa 29

(42) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli u proċeduri speċifiċi għad-distribuzzjoni tal-approprjazzjonijiet disponibbli kull sena mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, b'mod li jitqiesu, minn naħa waħda, in-numru ta' benefiċjarji u, min-naħa l-oħra, is-sehem ta' membri eletti fil-Parlament Ewropew ta' kull partit politiku Ewropew benefiċjarju u, b'estensjoni, tal-fondazzjoni politika Ewropea rispettiva affiljata miegħu. Jenħtieġ li dawn ir-regoli jipprevedu trasparenza, kontabilità, awditjar u kontroll finanzjarju stretti tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej affiljati magħhom, kif ukoll l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet proporzjonati, inkluż fil-każ ta' ksur minn xi partit politiku Ewropew jew minn xi fondazzjoni politika Ewropea tal-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni kif espress fl-Artikolu 2 TUE.

↓ 1141/2014 premessa 30 (adattata)

(43) Bil-għan li tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi stipulati f'dan ir-Regolament rigward il-finanzjament u n-nefqa tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej u rigward materji oħra, jeħtieġ li jiġu ~~stabbiliti~~ ⌦previsti ⌫mekkaniżmi ta' kontroll effettivi. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Awtorità, l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew u l-Istati Membri jikkooperaw u jiskambjaw l-informazzjoni meħtieġa kollha. Jenħtieġ li l-kooperazzjoni reċiproka fost l-awtoritajiet tal-Istati Membri tiġi inkoraġġita wkoll bil-għan li jiġi ggarantit il-kontroll effikaċi u effiċjenti tal-obbligi li jirriżultaw mid-dritt nazzjonali applikabbli.

⇩ ġdid

(44) Bil-ħsieb li tiżdied iċ-ċertezza legali prevista minn dan ir-Regolament u biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni koerenti tiegħu, jenħtieġ li l-Awtorità u l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew jikkooperaw mill-qrib, inkluż permezz ta' skambju regolari ta' fehmiet u informazzjoni dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni

konkreta ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, b'rispett sħiħ għall-indipendenza tal-Awtorità, jenħtieġ li l-kooperazzjoni bejn l-Awtorità, l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew u l-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej tiffaċilita l-implimentazzjoni korretta tar-Regolament mill-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej u tevita t-tilwim legali. Jenħtieġ li l-obbligu tal-Awtorità li tisma' lill-partiti politiċi Ewropej jew lill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej qabel ma tieħu xi deċiżjoni li jkollha effetti negattivi jgħin ukoll biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni korretta tar-Regolament mill-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej u, fl-istess ħin, jgħin biex jiġi evitat it-tilwim legali.

---

🡻 1141/2014 premessa 31
⇨ ġdid

(45) Jeħtieġ li tiġi prevista sistema ta' sanzjonijiet li tkun ċara, ~~b'saħħitha u~~ dissważiva ⇨u proporzjonata ⇦ bil-għan li ~~jiġi żgurat~~ tiġi ggarantita konformità effettiva, proporzjonata u uniformi mal-obbligi rigward l-attivitajiet tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej. Jenħtieġ li tali sistema tirrispetta wkoll il-prinċipju tan-*ne bis in idem* li permezz tiegħu sanzjonijiet ma jistgħux jiġu imposti darbtejn għall-istess reat. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu definiti r-rwoli rispettivi tal-Awtorità u tal-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew fil-kontroll u l-verifika tal-osservanza ta' dan ir-Regolament kif ukoll il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejniethom u l-awtoritajiet tal-Istati Membri.

---

⇩ ġdid

(46) Ir-reklamar politiku għandu rwol importanti għall-partiti politiċi biex jikkomunikaw maċ-ċittadini u jinteraġixxu magħhom dwar kwistjonijiet politiċi. Jista' jieħu ħafna forom u jpropagat permezz ta' ħafna media, mit-televiżjoni u r-radju, sal-istampa u l-media soċjali online. Huwa parti importanti mill-proċess elettorali u jirrappreżenta parti importanti mill-ammonti li jonfqu l-partiti politiċi u l-kandidati. Filwaqt li jġib benefiċċji importanti, jinvolvi wkoll riskji potenzjali għall-proċessi elettorali u d-demokrazija. Dawn ir-riskji jistgħu jirriżultaw minn prattiki mhux trasparenti u mill-użu tar-reklamar politiku bħala mezz ta' diżinformazzjoni inkluż meta r-reklamar ma jiżvelax in-natura politika tiegħu, u fejn ikun iffinanzjat u mmirat bil-moħbi.

(47) Għalhekk, jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej jipprovdu livell għoli ta' trasparenza fir-reklamar politiku tagħhom biex jappoġġaw dibattitu politiku ġust u elezzjonijiet ħielsa u ġusti, inkluż għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni. Jenħtieġ li jgħin biex iċ-ċittadini jifhmu n-natura, is-sors u l-kuntest tar-reklamar politiku, inkluż il-finanzjament tiegħu u l-ammonti minfuqa, u dwar jekk dan kienx immirat lejhom u kif. Jenħtieġ li jippromwovi wkoll ir-responsabbiltà u jikkontribwixxi biex tonqos l-inċidenza tal-użu ħażin tar-reklamar politiku, inkluż dak marbut mad-diżinformazzjoni u tipi oħra ta' interferenza fid-dibattitu demokratiku. Jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' trasparenza jappoġġaw id-dimensjoni Ewropea tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew inkluża d-dimensjoni transfruntiera.

(48) L-Istati Membri jenħtieġ jiżguraw li jsir infurzar adegwat tal-obbligi ta' trasparenza applikabbli għar-reklamar politiku stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Istati Membri jafdaw lill-awtoritajiet kompetenti bis-setgħat li għandhom bżonn biex jissorveljaw il-konformità ma' dawn l-obbligi ta' trasparenza. Sabiex jiġi evitat indħil bla bżonn, jenħtieġ li dawn l-awtoritajiet jew korpi regolatorji nazzjonali jeżerċitaw is-

setgħat tagħhom b'mod imparzjali u trasparenti u jkunu legalment distinti mill-gvern u funzjonalment indipendenti mill-gvernijiet rispettivi tagħhom u minn kull korp pubbliku jew privat ieħor. Jenħtieġ li ċ-ċittadini u partijiet interessati oħra jkunu jistgħu jafu liema huma l-awtoritajiet regolatorji kompetenti f'kull Stat Membru, u dan jenħtieġ li jinkiseb billi l-Awtorità jkollha l-obbligu li tippubblika fis-sit web tagħha lista tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istati Membri u żżommha aġġornata. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkunu suġġetti għal rimedji legali effikaċi, f'konformità sħiħa mal-Artikolu 47 tal-Karta. Dan jenħtieġ li jinkludi l-garanzija li jista' jinkiseb rimedju xieraq fi żmien debitu, b'talba ta' kwalunkwe parti interessata, li tirrikjedi li l-Partit Politiku Ewropew itemm xi ksur tar-rekwiżiti ta' trasparenza stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(49) Il-partiti politiċi Ewropej spiss jiddependu fuq fornituri esterni tas-servizzi, inklużi pubblikaturi tar-reklamar, għat-tħejjija, it-tqegħid, il-pubblikazzjoni u d-diffużjoni tar-reklami politiċi tagħhom. Dawn il-fornituri tas-servizzi huma vinkolati bir-Regolament 2022/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28] dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku. Meta jidħlu f'relazzjoni kuntrattwali dwar il-forniment ta' servizzi relatati mar-reklami politiċi, jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku, inklużi l-pubblikaturi tar-reklamar, jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont ir-Regolament 2022/XX [dwar it-trasparenza u l-immirar ta' reklamar politiku]. Jenħtieġ li jiżguraw li l-arranġamenti kuntrattwali jispeċifikaw kif tittieħed kunsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament. Fejn xieraq, ir-reklam politiku jista' jinkludi l-logo politiku tal-partit politiku Ewropew.

(50) Jenħtieġ li jiġi stabbilit repożitorju komuni għad-divulgazzjonijiet tal-partiti politiċi Ewropej. Minħabba r-rwol speċifiku tagħha fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Awtorità tistabbilixxi u tiġġestixxi dan ir-repożitorju bħala parti mir-Reġistru għall-partiti politiċi Ewropej. Jenħtieġ li l-informazzjoni li tinsab fir-repożitorju l-Partiti Politiċi Ewropej jittrażmettuha lill-Awtorità bl-użu ta' format standard u tista' tkun awtomatizzata. Fir-repożitorju tal-Awtorità jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej jipprovdu informazzjoni biex il-kuntest usa' tar-reklamar politiku u l-għanijiet tiegħu ikunu jistgħu jinftiehmu. L-informazzjoni dwar l-ammont allokat għar-reklamar politiku fil-kuntest ta' kampanja speċifika li għandha tiġi inkluża fir-repożitorju tista' tkun ibbażata fuq allokazzjoni stmata ta' finanzjament. L-ammonti li għandhom jissemmew fir-repożitorju jinkludu donazzjonijiet għal skopijiet jew benefiċċji speċifiċi *in natura*.

(51) Jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej jimplimentaw u jaġġornaw regolarment il-politika tagħhom dwar l-użu li jagħmlu mir-reklamar politiku. Jenħtieġ li din il-politika u rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tagħha jkunu disponibbli fuq is-sit web tal-Partit Politiku Ewropew.

(52) Ir-Regolament (UE) 2022/XX [dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku] jistabbilixxi obbligi għall-kontrolluri tad-*data* li jużaw tekniki ta' mmirar jew amplifikazzjoni fil-kuntest tar-reklamar politiku. Meta jużaw tekniki ta' mmirar jew amplifikazzjoni għar-reklamar politiku, jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej jiżguraw konformità mal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji fis-sens tal-Artikolu 4, il-punt (21) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-

[28] Ir-Regolament 2022/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku (ĠU L…).

Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29] ikollhom il-kompetenza li jimmonitorjaw il-konformità ma' dan ir-Regolament.

(53) Jenħtieġ li l-informazzjoni dwar il-konformità mill-partiti politiċi Ewropej mar-rekwiżiti ta' trasparenza stabbiliti f'dan ir-Regolament tkun disponibbli fil-livell tal-Unjoni. Sabiex tiffaċilita dan, jenħtieġ li l-Awtorità tħejji u tippubblika rapport fattwali u deskrittiv dwar kull deċiżjoni tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew tal-awtoritajiet superviżorji skont dan ir-Regolament.

(54) Fid-dawl tal-bżonn li tiġi protetta l-integrità tal-proċess demokratiku Ewropew, jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej jagħtu prova tal-konformità mar-regoli ta' trasparenza applikabbli għar-reklamar politiku sabiex ikunu eliġibbli għall-fondi li jiġu mill-baġit tal-Unjoni Ewropea.

---

| ⬇ 1141/2014 premessa 33 (adattata) ⇨ ġdid |
|---|

(55) Minħabba raġunijiet ta' trasparenza, u sabiex jissaħħaħ l-iskrutinju u r-responsabbiltà demokratika tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, ~~għandha~~ jenħtieġ li tiġi ppubblikata informazzjoni li titqies li tkun ta' interess pubbliku sostanzjali, marbuta b'mod notevoli mal-istatuti tagħhom, is-sħubija, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji, id-donaturi u d-donazzjonijiet tagħhom, il-kontribuzzjonijiet u l-għotjiet irċevuti mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll informazzjoni marbuta ma' deċiżjonijiet meħuda mill-Awtorità u l-Uffiċċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew dwar ir-reġistrazzjoni, l-iffinanzjar u s-sanzjonijiet⇨f'format faċli għall-utent, miftuħ u li jinqara minn apparat⇦. L-aktar mod effettiv għall-promozzjoni ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u għall-kompetizzjoni ġusta bejn il-forzi politiċi, u biex jitħarsu l-proċessi miftuħa, trasparenti u demokratiċi leġislattivi u elettorali, huwa li jiġi ~~stabbilit~~ ⌦stipulat ⌫qafas regolatorju biex jiġi żgurat li din l-informazzjoni tkun disponibbli b'mod pubbliku, biex b'hekk tissaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini u tal-votanti fid-demokrazija rappreżentattiva Ewropea, u, b'mod aktar wiesa', ma jitħalliex li jseħħu l-korruzzjoni u l-abbużi tal-poter.

---

| ⬇ 1141/2014 premessa 34 |
|---|

(56) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, jenħtieġ li l-obbligu li tiġi ppubblikata l-identità ta' donaturi li huma persuni fiżiċi ma japplikax fil-każ ta' donazzjonijiet li ma jkunux jaqbżu l-EUR 1500 fis-sena kull donatur. Barra minn hekk, jenħtieġ li tali obbligu ma japplikax fil-każ ta' donazzjonijiet li l-valur annwali tagħhom jaqbeż l-EUR 1500 u jkun inqas minn jew ekwivalenti għal EUR 3000 ħlief jekk id-donatur ikun ta l-kunsens tiegħu bil-miktub minn qabel għall-pubblikazzjoni. Dawn il-livelli limitu jikkostitwixxu bilanċ xieraq bejn, min-naħa l-waħda, d-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-*data* personali u, min-naħa l-oħra l-interess pubbliku leġittimu fit-trasparenza fir-rigward tal-finanzjament tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, kif rifless fir-rakkomandazzjonijiet internazzjonali biex tiġi evitata l-korruzzjoni fir-

---

29 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

rigward tal-finanzjament tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi. Jenħtieġ li l-iżvelar tad-donazzjonijiet li jaqbżu t-EUR 3000 fis-sena għal kull donatur, jippermetti skrutinju u kontroll pubbliċi fuq ir-relazzjonijiet ta' bejn id-donaturi u l-partiti politiċi Ewropej. Ukoll f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, jenħtieġ li l-informazzjoni dwar id-donazzjonijiet tiġi ppubblikata kull sena, ħlief matul il-kampanji elettorali għall-Parlament Ewropew jew fil-każ ta' donazzjonijiet li jkunu jaqbżu t-EUR 12000, f'liema każ jenħtieġ li l-pubblikazzjoni ssir bla telf ta' żmien.

---

↓ 1141/2014 premessa 35 (adattata)

(57) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji mnaqqxa fil-Karta, b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 8 tiegħu, li jiddikjaraw li kulħadd għandu d-dritt li l-ħajja privata tiegħu ~~għandha~~ tiġi rispettata u li titħares id-*data* personali li tikkonċernah, u għandu jiġi implimentat fir-rispett sħiħ ta' dawk id-drittijiet u prinċipji.

---

↓ 1141/2014 premessa 36

(58) Ir-Regolament (UE) 2018/1725~~(KE) Nru 45/2001~~ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill~~[30]~~[31] japplika għall-ipproċessar tad-*data* personali li jitwettaq mill-Awtorità, il-Parlament Ewropew u l-Kumitat ta' persuni eminenti indipendenti b'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

---

↓ 1141/2014 premessa 37

(59) Ir-Regolament (UE) 2016/679~~Direttiva 95/46/KE~~ japplika għall-ipproċessar tad-*data* personali mwettaq b'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

---

↓ 1141/2014 premessa 38 (adattata)

(60) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, huwa xieraq li jiġi ċċarat li l-Awtorità, il-Parlament Ewropew, il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jeżerċitaw kontroll fuq aspetti relatati mal-iffinanzjar tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, u terzi oħra rilevanti msemmija jew ~~stipulati~~ previsti f'dan ir-Regolament huma l-kontrolluri tad-*data* fis-sens tar-Regolament (UE) 2018/1725~~(KE) Nru 45/2001~~ jew ir-Regolament (UE) 2016/679~~id-Direttiva 95/46/KE~~. Huwa meħtieġ ukoll li jiġi speċifikat il-perjodu massimu li fih huma jistgħu jżommu *data* personali miġbura għall-għanijiet li tiġi żgurata l-legalità, ir-regolarità u t-trasparenza tal-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej u s-sħubija tal-partiti politiċi Ewropej.

---

30 ~~Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).~~

31 Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Fil-kapaċità tagħhom bħala kontrolluri tad-*data*, l-Awtorità, il-Parlament Ewropew, il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u t-terzi relevanti jridu jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jikkonformaw mal-obbligi imposti bir-Regolament (UE) 2018/1725~~(KE) Nru 45/2001~~ ~~u~~⌦ jew ⌫ bir-Regolament (UE) 2016/679~~ bid-Direttiva 95/46/KE~~, b'mod partikolari dawk dwar il-legalità tal-ipproċessar, is-sigurtà tal-attivitajiet ta' pproċessar, l-għoti ta' informazzjoni u d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* li jkollhom aċċess għad-*data* personali tagħhom, u biex jiksbu korrezzjoni u tħassir tad-*data* personali tagħhom.

---

⇩ ġdid

(61) Sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li kull Stat Membru jaħtar punti singoli ta' kuntatt inkarigati mill-koordinazzjoni fil-livell Ewropew. Jenħtieġ li dawn il-punti ta' kuntatt ikollhom biżżejjed riżorsi biex ikunu jistgħu jiggarantixxu koordinazzjoni effikaċi, inkluż dwar kwistjonijiet relatati mal-monitoraġġ tar-reklamar politiku,

---

🡻 1141/2014 premessa 39 (adattata)

(62) ⌦Ir-Regolament (UE) 2016/679 ⌫~~Il-Kapitolu III tad-Direttiva 95/46/KE dwar rimedji ġudizzjarji, responsabbiltà u sanzjonijiet~~ japplika fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* li jsir b'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jew it-terzi rilevanti jkunu responsabbli f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli għal xi dannu li jistgħu jikkawżaw. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew it-terzi relevanti jkunu suġġetti għal sanzjonijiet xierqa għall-ksur ta' dan ir-Regolament.

---

🡻 1141/2014 premessa 40

(63) Is-sostenn tekniku mogħti mill-Parlament Ewropew lill-partiti politiċi Ewropej jenħtieġ li jkun iggwidat mill-prinċipju tat-trattament ugwali, jingħata b'fattura u bi ħlas u jkun suġġett għal rapport pubbliku regolari.

---

🡻 1141/2014 premessa 41

(64) Jenħtieġ li l-informazzjoni ewlenija dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun disponibbli għall-pubbliku f'sit web apposta.

---

🡻 1141/2014 premessa 42

(65) Il-kontroll ġudizzjarju mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkun ta' għajnuna fl-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li ssir ukoll dispożizzjoni biex il-partiti politiċi Ewropej jew il-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ikunu jistgħu jinstemgħu u jieħdu miżuri korrettivi qabel ma tiġi imposta fuqhom xi sanzjoni.

⇩ ġdid

(66) Bil-għan li l-evalwazzjoni ta’ dan ir-Regolament tkompli tiġi allinjata mal-elezzjonijiet għaċ-ċiklu tal-Parlament Ewropew, jenħtieġ li d-dati tar-rieżami komprensiv propost jiġu adattati. Barra minn hekk, sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni, jenħtieġ li, wara l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, id-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku jiġu evalwati bħala parti mir-rapport tal-Kummissjoni.

---

🡻 1141/2014 premessa 43

(67) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ dispożizzjonijiet nazzjonali li jkunu kapaċi jwasslu għall-applikazzjoni effettiva ta’ dan ir-Regolament.

---

🡻 1141/2014 premessa 44 (adattata)
⇨ ġdid

(68) ~~L-Istati Membri~~ Jenħtieġ li ⇨l-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej⇦ jingħataw żmien biżżejjed biex jadottaw dispożizzjonijiet biex jiżguraw applikazzjoni mingħajr intoppi u effettiva ta’ dan ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li jkun previst perjodu ta’ tranżizzjoni bejn id-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament u ⌦ l-⌫applikazzjoni ~~tiegħu~~ tal-istess artikoli ⇦..

---

🡻 1141/2014 premessa 45 (adattata)

~~Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat u adotta opinjoni.~~

---

🡻 1141/2014 premessa 46 (adattata)

~~Minħabba l-ħtieġa ta’ bidliet sinifikanti u ta’ żidiet għar-regoli u l-proċeduri li japplikaw bħalissa għall-partiti politiċi u għall-fondazzjonijiet politiċi fil-livell Ewropew, ir-Regolament (KE) Nru 2004/2003 għandu jitħassar,~~

---

🡻 1141/2014 (adattat)
⇨ ġdid

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# KAPITOLU I

## *DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI*

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-istatut u l-finanzjament ta' partiti politiċi fil-livell Ewropew ("partiti politiċi Ewropej") u ta' fondazzjonijiet politiċi f'livell Ewropew ("fondazzjonijiet politiċi Ewropej").

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament ⌦, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin ⌫ :

(1) "partit politiku" tfisser assoċjazzjoni ta' ċittadini ⌦ li tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin ⌫ :

(a) ~~li~~ ⌦ issegwi objettivi politiċi;~~,~~ ~~u~~

(b) ~~li~~ ⌫tkun rikonoxxuta mill-ordinament ġuridiku ta' mill-inqas wieħed mill-Istati Membri jew stabbilita f'konformità miegħu;

(2) "alleanza politika" tfisser kooperazzjoni strutturata ⇨ , irrispettivament mill-forma tagħha,⇦ bejn ⌦membri sew jekk ⌫ partiti politiċi ~~u~~/jew ċittadini;

(3) "partit politiku Ewropew" tfisser "alleanza politika" li ssegwi għanijiet politiċi ⇨, ikollha l-għan li ssegwi dawn l-għanijiet madwar l-Unjoni, ⇦ u tkun irreġistrata mal-Awtorità għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ~~stabbilita~~ ⌦ imsemmija ⌫fl-Artikolu 7~~6~~ f'konformità ma' ~~il-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti f'~~dan ir-Regolament;

(4) "fondazzjoni politika Ewropea" tfisser entità li tkun formalment affiljata ma' partit politiku Ewropew, li tkun irreġistrata mal-Awtorità ⌦ għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej imsemmija fl-Artikolu 7 ⌫ f'konformità ma' ~~il-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti f'~~dan ir-Regolament, u li permezz tal-attivitajiet tagħha, skont l-għanijiet u l-valuri fundamentali segwiti mill-Unjoni, issaħħaħ u tikkomplementa l-għanijiet tal-partit politiku Ewropew billi twettaq wieħed jew aktar mill-kompiti li ġejjin:

(a) l-osservazzjoni, l-analiżi u l-kontribuzzjoni għad-dibattitu dwar kwistjonijiet ta' politika pubblika Ewropea u dwar il-proċess ta' integrazzjoni Ewropea;

(b) l-iżvilupp ta' attivitajiet marbuta ma' kwistjonijiet ta' politika pubblika Ewropea, bħalma hija l-għajnuna fis-seminars Ewropej, fit-taħriġ, fil-konferenzi u fl-istudji dwar kwistjonijiet bħal dawn bejn il-partijiet interessati ewlenin, inklużi l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u rappreżentanti oħra tas-soċjetà ċivili, ⇨ u l-bini tal-kapaċità biex jingħata appoġġ lill-formazzjoni ta' tmexxija politika futura fl-Unjoni ⇦;

(c) l-iżvilupp tal-kooperazzjoni sabiex tiġi promossa d-demokrazija, inkluż f'pajjiżi terzi;

(d) isservi ta' qafas għall-fondazzjonijiet politiċi nazzjonali, għall-akkademiċi, u għal atturi rilevanti oħra biex jaħdmu flimkien fil-livell Ewropew;

(5) "parlament reġjonali" jew "assemblea reġjonali" tfisser korp li l-membri tiegħu jkollhom mandat elettorali reġjonali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta;

(6) "finanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea" tfisser għotja mogħtija f'konformità mat-Titolu VIII~~VI~~ tal-Ewwel Parti jew kontribuzzjoni mogħtija f'konformità mat-Titolu ~~VIII~~ XI ~~tat-Tieni~~ tal-Ewwel Parti tar-Regolament (UE,

MT



MT

Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("ir-Regolament Finanzjarju");

(7) "donazzjoni" tfisser kwalunkwe offerta ta' flus, kwalunkwe offerta *in natura*, il-forniment taħt il-valur tas-suq ta' kwalunkwe prodotti, servizzi (inkluż self) jew xogħlijiet, u/jew kwalunkwe tranżazzjoni oħra li tikkostitwixxi vantaġġ ekonomiku għall-partit politiku Ewropew jew għall-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati, bl-eċċezzjoni ta' kontribuzzjonijiet mill-membri u l-attivitajiet politiċi tas-soltu li jsiru fuq bażi volontarja minn individwi;

(8) "kontribuzzjoni mill-membri" tfisser kwalunkwe ħlas fi flus, inklużi ħlasijiet ta' sħubija, jew kwalunkwe kontribuzzjoni *in natura*, jew il-forniment taħt il-valur tas-suq ta' kwalunkwe prodotti, servizzi (inklużi selfiet) jew xogħlijiet, u/jew kwalunkwe tranżazzjoni oħra li tikkostitwixxi vantaġġ ekonomiku għall-partit politiku Ewropew jew għall-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati, meta mogħtija lil dak il-partit politiku Ewropew jew lil dik il-fondazzjoni politika Ewropea minn xi wieħed mill-membri tagħhom, bl-eċċezzjoni tal-attivitajiet politiċi tas-soltu li jsiru fuq bażi volontarja minn membri individwali;

---

⇩ ġdid

(9) "riżorsi proprji" tfisser dħul iġġenerat minn attivitajiet ekonomiċi proprji, bħal ħlasijiet ta' attendenza għall-konferenzi u bejgħ ta' pubblikazzjonijiet;

(10) "finanzjament indirett" tfisser finanzjament li minnu l-partit membru jibbenefika minn vantaġġ politiku, anki meta ma jiġux trasferiti fondi direttament; dan jenħtieġ li jinkludi każi li jippermettu lill-partit membru jevita spejjeż li altrimenti jkollu jħallas għal attivitajiet, li mhumiex attivitajiet politiċi fl-interess komuni, organizzati għall-benefiċċju tiegħu u tiegħu biss;

---

🡻 1141/2014

(119) "baġit annwali" għall-finijiet tal-Artikoli 2320 u 3027 tfisser l-ammont totali tan-nefqa f'sena partikolari kif rappurtat fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati;

---

🡻 2018/673 Artikolu 1.3

(1210) "punt ta' Kuntatt Nazzjonali" tfisser kwalunkwe persuna jew persuni speċifikament iddeżinjati mill-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri għall-fini tal-iskambju ta' informazzjoni fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;

---

[32] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.07.2018, p.1).

↓ 1141/2014
⇨ ġdid

1. ~~B'dan qed j~~⌦ Jiġi ⌫ stabbilit il-kumitat ta' persuni eminenti indipendenti ⌦ bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 ⌫ ~~.~~Għandu jkun kompost minn sitt membri, fejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaħtru żewġ membri kull wieħed. Il-membri tal-kumitat għandhom jintgħażlu fuq il-bażi tal-kwalitajiet personali u professjonali tagħhom. Huma ma għandhomx ikunu membri tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni, u lanqas ma għandu jkollhom xi mandat elettorali, ma għandhomx ikunu uffiċjali jew persunal ieħor tal-Unjoni Ewropea jew ikunu attwalment jew fl-imgħoddi kienu impjegati ta' xi partit politiku Ewropew jew ta' xi fondazzjoni politika Ewropea.

Il-membri tal-kumitat għandhom ikunu indipendenti fit-twettiq ta' dmirijiethom. Huma la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn kwalunkwe istituzzjonijiet jew gvern jew kwalunkwe entità, uffiċċju jew aġenzija, u għandhom iżommu lura minn kwalunkwe aġir li huwa inkompatibbli man-natura tad-dmirijiet tagħhom.

Il-kumitat għandu jiġi mġedded fi żmien sitt xhur wara t-tmiem tal-ewwel sessjoni tal-Parlament Ewropew wara kull elezzjoni għall-Parlament Ewropew. Il-mandat tal-membri ma għandux ikun jista' jiġġedded.

2. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura proprji tiegħu. Il-president tal-kumitat għandu jiġi elett mill-membri tiegħu minn fost wieħed minnhom f'konformità ma' dawn ir-regoli. Is-segretarjat u l-finanzjament tal-kumitat għandhom jiġu pprovduti mill-Parlament Ewropew. Is-segretarjat tal-kumitat għandu jaġixxi taħt l-awtorità tal-kumitat biss.

3. ➔1 Meta jiġi mitlub mill-Awtorità, il-kumitat għandu jagħti opinjoni dwar:

(a) kull ksur manifest u serju possibbli tal-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea, kif imsemmi f~~il-punt (c) ta~~l-Artikolu 3(1), il-punt (d), u f~~il-punt (c) ta~~l-Artikolu 3(2), il-punt (c),, minn partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea;

(b) meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jkunux influwenzaw, jew ippruvaw jinfluwenzaw, deliberatament l-eżitu tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew billi jkunu ħadu vantaġġ minn ksur tar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni ta' *data* personali;~~.~~.

Fil-każijiet imsemmija f~~il-punti (a) u (b) ta~~l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b), il-kumitat jista' jitlob kwalunkwe dokument jew prova rilevanti mingħand l-Awtorità, il-Parlament Ewropew, il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati, partiti politiċi jew fondazzjonijiet politiċi oħrajn jew partijiet ikkonċernati oħrajn, u jista' jitlob li jisma' r-rappreżentanti tagħhom. Fil-każ imsemmi f~~il-punti (b) ta~~l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), l-awtorità superviżorja nazzjonali msemmija fl-Artikolu 12~~10a~~ għandha tikkoopera mal-kumitat f'konformità mal-liġi applikabbli. 🡐

Fl-opinjonijiet tiegħu, il-kumitat għandu jikkunsidra bis-sħiħ id-dritt fundamentali tal-libertà ta' assoċjazzjoni u l-ħtieġa li jiġi żgurat il-pluraliżmu tal-partiti politiċi fl-Ewropa.

L-opinjonijiet tal-kumitat għandhom isiru aċċessibbli għall-pubbliku mingħajr dewmien.

# KAPITOLU III

# *L-ISTATUS ĠURIDIKU TAL-PARTITI POLITIĊI EWROPEJ U TAL-FONDAZZJONIJIET POLITIĊI EWROPEJ*

*Artikolu 15~~12~~*

### Personalità ġuridika

Partiti politiċi Ewropej u fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandu jkollhom personalità ġuridika Ewropea.

*Artikolu 16~~13~~*

### Għarfien u kapaċità ġuridika

Partiti politiċi Ewropej u fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom igawdu għarfien u kapaċità ġuridika fl-Istati Membri kollha.

*Artikolu 17~~14~~*

**Liġi applikabbli**

1. Partiti politiċi Ewropej u fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom ikunu rregolati b'dan ir-Regolament.

2. Għal kwistjonijiet mhux regolati minn dan ir-Regolament jew, fejn il-kwistjonijiet ikunu biss parzjalment regolati minnu, għal dawk l-aspetti mhux koperti minnu, partiti politiċi Ewropej u fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom ikunu regolati mid-dispożizzjonijiet applikabbli tad-dritt nazzjonali fl-Istat Membru fejn ikollhom is-sede rispettiva tagħhom.

L-attivitajiet imwettqa minn partiti politiċi Ewropej u minn fondazzjonijiet politiċi Ewropej fi Stati Membri oħra għandhom jiġu rregolati mil-liġijiet nazzjonali rilevanti ta' dawk l-Istati Membri.

3. Għall-kwistjonijiet mhux regolati minn dan ir-Regolament jew mid-dispożizzjonijiet applikabbli skont il-paragrafu 2 jew, fejn kwistjonijiet ikunu biss parzjalment regolati minnhom, għal dawk l-aspetti mhux koperti minnhom, partiti politiċi Ewropej u fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom ikunu regolati mid-dispożizzjonijiet tal-istatuti rispettivi tagħhom.

*Artikolu 18~~15~~*

**Ksib ta' personalità ġuridika Ewropea**

1. Partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea għandhom jiksbu personalità ġuridika Ewropea fid-data tal-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tad-deċiżjoni adottata mill-Awtorità biex jiġu reġistrati, skont l-Artikolu 10~~9~~.

2. Meta l-Istat Membru li fih applikant għal reġistrazzjoni bħala partit politiku Ewropew jew bħala fondazzjoni politika Ewropea jkollu s-sede tiegħu hekk ikun jirrikjedi, l-applikazzjoni ppreżentata skont l-Artikolu 9~~8~~ għandha tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni maħruġa minn dak l-Istat Membru, li tiċċertifika li l-applikant ikun irrispetta r-rekwiżiti nazzjonali relevanti għall-applikazzjoni, u li l-istatuti tiegħu jkunu konformi mal-liġi applikabbli msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 17~~14~~(2).

3. Meta applikant ikun igawdi personalità ġuridika skont il-liġi ta' Stat Membru, il-ksib tal-personalità ġuridika Ewropea għandha titqies minn dak l-Istat Membru bħala konverżjoni tal-personalità ġuridika nazzjonali għal personalità ġuridika Ewropea suċċessura. Din tal-aħħar għandha tibqa' żżomm bis-sħiħ kull dritt obbligu pre-eżistenti tal-entità ġuridika nazzjonali preċedenti li ma għandhiex tibqa' teżisti bħala tali. L-Istati Membri kkonċernati ma għandhomx japplikaw kundizzjonijiet projbittivi fil-kuntest ta' tali konverżjoni. L-applikant għandu jżomm is-sede tiegħu fl-Istat Membru kkonċernat sal-pubblikazzjoni ta' deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 10~~9~~.

4. Meta l-Istat Membru li fih l-applikant ikollu s-sede tiegħu hekk jitlob, l-Awtorità għandha tiffissa d-data tal-pubblikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 biss wara konsultazzjoni ma' dan l-Istat Membru.

*Artikolu 19~~16~~*

**Terminazzjoni tal-personalità ġuridika Ewropea**

1. Partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea għandhom jitilfu l-personalità ġuridika Ewropea ⇨ man-notifika ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 11(5) ⇦ ~~mad-dħul fis-seħħ ta' deċiżjoni tal-Awtorità li jitneħħew mir-Reġistru kif ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ tliet xhur wara din il-pubblikazzjoni ħlief jekk il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati jitolbu perjodu iqsar~~.

2. Partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea għandhom jitneħħew mir-Reġistru b'deċiżjoni tal-Awtorità:

(a) b'konsegwenza ta' deċiżjoni adottata skont l-Artikoli 11~~10~~ minn (2) sa (5);

(b) fiċ-ċirkostanzi previsti fl-Artikolu 11~~10~~(6);

(c) b'talba ta' partit politiku Ewropew jew ta' fondazzjoni politika Ewropea kkonċernata; ~~jew~~

(d) fil-każijiet imsemmija fil-~~punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-~~paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), ~~ta' dan l-Artikolu~~.

3. Meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jonqsu b'mod gravi milli jwettqu l-obbligi relevanti skont il-liġi nazzjonali applikabbli skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 17~~14~~(2), l-Istat Membru tas-sede jista' jindirizza lill-Awtorità talba għal qtugħ mir-reġistru li tkun ⌦ debitament ⌫ motivata~~ kif jistħoqq~~, liema talba għandha tidentifika b'mod preċiż u eżawstiv l-azzjonijiet illegali u r-rekwiżiti nazzjonali speċifiċi li ma ġewx rispettati. F'każijiet bħal dawn, l-Awtorità għandha:

(a) fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati b'mod esklużiv jew b'mod predominanti ma' elementi li jaffettwaw ir-rispett tal-valuri li fuqhom hi msejsa l-Unjoni Ewropea, kif espress fl-Artikolu 2 TUE, tniedi proċedura ta' verifika f'konformità mal-Artikolu 11~~10~~(3) ⌦ ta' dan ir-Regolament ⌫. Għandu japplika wkoll l-Artikolu 11~~10~~(4), (5) u (6) ⌦ ta' dan ir-Regolament ⌫;

(b) fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni oħra, u meta t-talba motivata tal-Istat Membru kkonċernat tikkonferma li jkunu ġew eżawriti r-rimedji nazzjonali kollha, tieħu deċiżjoni li tneħħi mir-Reġistru l-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati.

Meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jkunu diġà naqsu b'mod gravi milli jwettqu l-obbligi relevanti tagħhom skont il-liġi nazzjonali applikabbli skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17~~14~~(2), u jekk il-kwistjoni jkollha rabta b'mod esklużiv jew b'mod predominanti ma' elementi li jaffettwaw ir-rispett tal-valuri li fuqhom hi msejsa l-Unjoni Ewropea, kif espress fl-Artikolu 2 TUE, l-Istat Membru kkonċernat jista' jindirizza talba lill-Awtorità f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. L-Awtorità għandha tipproċedi f'konformità ~~il-punt (a) ta~~ mal-ewwel subparagrafu , il-punt (a), ta' dan il-paragrafu.

Fi kwlaunkwe każ, l-Awtorità għandha taġixxi mingħajr dewmien żejjed. L-Awtorità għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat u lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati dwar is-segwitu mogħti lit-talba motivata għal qtugħ mir-reġistru.

4. L-Awtorità għandha tiffissa d-data tal-pubblikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 wara konsultazzjoni mal-Istat Membru li fih il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea ikollhom is-sede tagħhom.

5. Meta l-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati jiksbu personalità ġuridika skont il-liġi tal-Istat Membru tas-sede tagħhom, tali kisba għandha titqies minn dak l-Istat Membru bħala konverżjoni tal-personalità ġuridika Ewropea għal personalità ġuridika nazzjonali li tibqa' żżomm bis-sħiħ id-drittijiet u l-obbligi pre-eżistenti tal-entità ġuridika Ewropea preċedenti. L-Istat Membru kkonċernat ma għandux japplika kundizzjonijiet projbittivi fil-kuntest ta' tali konverżjoni.

6. Meta l-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea ma jiksbux personalità ġuridika skont il-liġi tal-Istat Membru tas-sede tagħhom, huma għandhom jiġu xolti f'konformità mal-liġi applikabbli ta' dak l-Istat Membru. L-Istat Membru kkonċernat jista' jirrikjedi li dak it-tali xoljiment ikun preċedut mill-ksib mill-partit jew fondazzjoni kkonċernati ta' personalità ġuridika nazzjonali f'konformità mal-paragrafu 5.

7. F'kull sitwazzjoni msemmija fil-paragrafi 5 u 6, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li l-kundizzjoni ta' mingħajr qligħ stipulata fl-Artikolu 3 tkun rispettata għalkollox. L-Awtorità u l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew jistgħu jiftiehmu mal-Istat Membru kkonċernat dwar il-modalitajiet tat-terminazzjoni tal-personalità ġuridika Ewropea, b'mod partikolari biex jiżguraw l-irkupru ta' kwalunkwe fondi rċevuti mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u l-ħlas ta' kwalunkwe sanzjonijiet finanzjarji imposti f'konformità mal-Artikolu 30~~27~~.

# KAPITOLU IV

## *DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IL-FINANZJAMENT*

*Artikolu 20~~17~~*

**Kundizzjonijiet ta' finanzjament**

1. Partit politiku Ewropew li jkun irreġistrat skont il-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament, li jkun rappreżentat fil-Parlament Ewropew b'minn tal-inqas wieħed mill-membri tiegħu, u li ma jkunx f'xi waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni msemmija fl-Artikolu 136~~106~~(1) tar-~~Regolament Finanzjarju~~ ⌦ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 ⌫ jista' japplika għall-fondi mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet ippubblikati mill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew f'sejħa għal kontribuzzjonijiet.

2. Fondazzjoni politika Ewropea li tkun affiljata ma' partit politiku Ewropew eliġibbli li japplika għall-fondi skont il-paragrafu 1, li tkun irreġistrata f'konformità mal-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament, u li ma tkunx f'xi waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni msemmija fl-Artikolu 136~~106~~(1) tar-~~Regolament Finanzjarju~~ ⌦ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 ⌫ tista' tapplika għall-fondi mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mat-termini u mal-kundizzjonijiet ippubblikati mill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew f'sejħa għal proposti.

3. Għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' eliġibbiltà għal finanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u ~~l-punt (b) ta~~l-Artikolu 3(1)il-punt (b),~~,~~ u għall-applikazzjoni tal-Artikolu 22~~19~~(1), membru tal-Parlament Ewropew għandu jitqies bħala membru ta' partit politiku Ewropew wieħed biss, li għandu, fejn rilevanti, ikun dak li miegħu jkun affiljat il-partit nazzjonali jew reġjonali tiegħu jew tagħha fid-data finali għall-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet għal finanzjament.

⬇ 2018/673 premessa 1.6 (adattata)
⇨ ġdid

4. Kontribuzzjonijiet finanzjarji jew għotjiet mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea ma għandhomx jaqbżu 90 ⇨ l-95 ⇦ % tan-nefqa rimborsabbli annwali indikata fil-baġit ta' partit politiku Ewropew u l-95 % tal-kostijiet eliġibbli mġarrba minn fondazzjoni politika Ewropea. Il-partiti politiċi Ewropej jistgħu jużaw xi parti mhux użata tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni mogħtija biex ikopru nefqa rimborżabbli fis-sena finanzjarja wara l-għoti tagħha. L-ammonti mhux użati wara dik is-sena finanzjarja għandhom jiġu rkuprati skont ir-Regolament Finanzjarju ⌦ f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 ⌫. ⇨ Kontribuzzjonijiet finanzjarji fis-sena tal-elezzjonijiet lill-Parlament Ewropew jistgħu jkopru 100 % tan-nefqa rimborsabbli li jagħmel partit politiku Ewropew. ⇦

⬇ 1141/2014

5. Fil-limiti stipulati fl-Artikoli 2421 u 2522, in-nefqa rimborsabbli permezz ta' kontribuzzjoni finanzjarja għandha tinkludi n-nefqa amministrattiva u n-nefqa marbuta mal-assistenza teknika, laqgħat, riċerka, avvenimenti transfruntieri, studji, informazzjoni u pubblikazzjonijiet, kif ukoll in-nefqa relatata mal-kampanji.

*Artikolu 2118*

**Applikazzjoni għal finanzjament**

1. Sabiex jirċievi finanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea, li jkunu jirrispettaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 2017(1) jew (2), għandhom jippreżentaw applikazzjoni lill-Parlament Ewropew wara sejħa għal kontribuzzjonijiet jew proposti.

⬇ 2019/493 Artikolu 1.5 (adattat)
⇨ ġdid

2. Il-partit politiku Ewropew u l-fondazzjoni politika Ewropea għandhom, fil-mument tal-applikazzjoni tagħhom, ikunu konformi mal-obbligi mniżżla fl-Artikolu 2623, u, Mmid-data tal-applikazzjoni tagħhom sa tmiem is-sena finanzjarja jew tal-azzjoni koperti mill-kontribuzzjoni jew l-għotja, ⌦ għandhom ⌫ jibqgħu reġistrati fir-Reġistru u ma jistgħu jkunu soġġetti għal ⌦ s-suġġett ta' ⌫ ebda waħda mis-sanzjonijiet previsti fl-Artikolu 3027(1) u fil-punti (a)(v), (vi) u (vii) tal-Artikolu 3027(2) ⇨ , il-punti (a) (v) sa (ix) ⇦.

⬇ 2018/673 Artikolu 1.7 (adattat)

2a3. Partit politiku Ewropew għandu jinkludi fl-applikazzjoni tiegħu evidenza li turi li l-partiti membri tal-UE tiegħu, bħala regola, ikunu ppubblikaw fis-siti web tagħhom, ⌦ f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (i), ⌫ b'mod ċarament viżibbli u faċli għall-utent, matul it-12-il xahar li jippreċedu d-data finali għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet, il-programm politiku u l-logo tal-partit politiku Ewropew.

⇩ ġdid

4. Partit politiku Ewropew għandu jinkludi fl-applikazzjoni tiegħu evidenza li turi l-konformità tiegħu mal-Artikolu 4(1), il-punt (j), u li l-partiti membri tiegħu kontinwament ippubblikaw fis-siti web tagħhom, matul it-12-il xahar preċedenti għad-data li fiha ssir l-applikazzjoni, informazzjoni dwar ir-rappreżentanza tal-ġeneri fost il-kandidati fl-aħħar elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u dwar l-evoluzzjoni tar-rappreżentanza tal-ġeneri fost il-Membri tagħhom tal-Parlament Ewropew.

5. Partit politiku Ewropew għandu jinkludi fl-applikazzjoni tiegħu evidenza li turi li huwa konformi mal-Artikolu 5, li jżomm politika aġġornata rigward l-użu tar-reklamar politiku u li din il-politika implimentaha matul it-12-il xahar preċedenti għad-data finali biex jiġu ppreżentati l-applikazzjonijiet.

🡻 1141/2014 (adattat)

6~~3~~. Fondazzjoni politika Ewropea għandha tinkludi fl-applikazzjoni tagħha l-programm ta' ħidma annwali jew il-pjan ta' azzjoni tagħha.

7~~4~~. L-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jadotta deċiżjoni fi żmien tliet xhur wara l-għeluq tas-sejħa għal kontribuzzjonijiet jew tas-sejħa għal proposti, u għandu jawtorizza u jamministra l-approprjazzjonijiet korrispondenti, ~~skont ir-Regolament Finanzjarju~~ ⌦ f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 ⌫.

8~~5~~. Fondazzjoni politika Ewropea tista' tapplika għall-fondi mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea biss permezz tal-partit politiku Ewropew li miegħu tkun affiljata.

*Artikolu 22~~19~~*

**Kriterji li fuqhom tittieħed id-deċiżjoni u d-distribuzzjoni ta' finanzjament**

🡻 2018/673 Artikolu 1.8

1. L-approprjazzjonijiet rispettivi għad-dispożizzjoni ta' dawk il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej li jkunu ngħataw kontribuzzjonijiet jew għotjiet f'konformità mal-Artikolu 21~~18~~ għandhom jiġu distribwiti kull sena fuq il-bażi tal-formula ta' distribuzzjoni segwenti:

(a) 10 % għandhom jiġu distribwiti fost il-partiti politiċi Ewropej benefiċjarji f'ishma ndaqs;~~,~~

(b) 90 % għandhom jiġu distribwiti fost il-partiti politiċi Ewropej benefiċjarji fi proporzjon mas-sehem tagħhom ta' membri eletti tal-Parlament Ewropew.

L-istess formola ta' distribuzzjoni għandha tintuża biex jingħata finanzjament lil fondazzjonijiet politiċi Ewropej, fuq il-bażi tal-affiljazzjoni tagħhom ma' partit politiku Ewropew.

🡻 1141/2014 (adattat)
⇨ ġdid

2. Id-distribuzzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ibbażata fuq in-numru ta' membri eletti tal-Parlament Ewropew li jkunu membri tal-partit politiku Ewropew applikanti

fid-data finali għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għal finanzjament, filwaqt li jitqies l-Artikolu ~~17~~20(3).

Wara din id-data, kwalunkwe tibdil fin-numru ma għandux jaffettwa s-sehem rispettiv ta' finanzjament bejn il-partiti politiċi Ewropej jew il-fondazzjonijiet politiċi Ewropej. Dan mingħajr preġudizzju għar-rekwiżit fl-Artikolu ~~17~~20(1) li l-partiti politiċi Ewropej ikunu rappreżentati fil-Parlament Ewropew minn mill-inqas wieħed mill-membri tagħhom.

*Artikolu ~~20~~23*

**Donazzjonijiet, ~~u~~ kontribuzzjonijiet ⌦ u riżorsi proprji ⌫**

1. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej jistgħu jaċċettaw donazzjonijiet minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi sa valur ta' EUR 18000 kull sena għal kull donatur.

2. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom, fil-mument tal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali tagħhom f'konformità mal-Artikolu ~~23~~26, jibagħtu wkoll lista tad-donaturi kollha bid-donazzjonijiet rispettivi tagħhom, u jindikaw kemm in-natura kif ukoll il-valur tad-donazzjonijiet individwali. Dan il-paragrafu għandu japplika wkoll għal kontribuzzjonijiet magħmula minn partiti membri tal-partiti politiċi Ewropej u mill-organizzazzjonijiet membri tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej.

Għal donazzjonijiet minn persuni fiżiċi li l-valur tagħhom jaqbeż l-EUR 1500 u jkun anqas jew ekwivalenti għal EUR 3000, il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati għandhom jindikaw jekk id-donaturi korrispondenti jkunux taw kunsens bil-miktub minn qabel għall-pubblikazzjoni f'konformità ma~~il-punt (e) ta~~l-Artikolu ~~32~~36(1), il-punt (e).

3. Id-donazzjonijiet riċevuti minn partiti politiċi Ewropej u minn fondazzjonijiet politiċi Ewropej ⇨ u nfiq iffinanzjat minn dawn id-donazzjonijiet ⇦ fi żmien sitt xhur qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew għandhom, kull ġimgħa, ikunu rrappurtati bil-miktub lill-Awtorità, u f'konformità mal-paragrafu 2.

4. Donazzjonijiet uniċi li l-valur tagħhom jaqbeż it-EUR 12000 li jkunu ġew aċċettati minn partiti politiċi Ewropej u minn fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jiġu immedjatament irrappurtati lill-Awtorità bil-miktub u f'konformità mal-paragrafu 2.

---

⇩ ġdid

5. Għad-donazzjonijiet kollha li l-valur tagħhom jaqbeż it-EUR 3000, il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jitolbu lid-donaturi biex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni korretta tagħhom. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jittrażmettu l-informazzjoni li jirċievu lill-Awtorità meta din titlobha.

L-awtorità għandha tistabbilixxi formola biex tintuża għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu.

---

🡻 1141/2014 (adattat)

~~5~~6. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ma għandhom jaċċettaw l-ebda waħda minn dawn li ġejjin:

(a) donazzjonijiet jew kontribuzzjonijiet anomini,

(b) donazzjonijiet mill-baġit ta' gruppi politiċi fil-Parlament Ewropew;

(c) donazzjonijiet minn kwalunkwe awtorità pubblika minn Stat Membru jew minn pajjiż terz, jew minn kull impriża li fuqha tali awtorità pubblika tista' teżerċita direttament jew indirettament influwenza dominanti bis-saħħa tal-fatt li hija l-proprjetarja tagħha, li hija tipparteċipa fiha finanzjarjament, jew bis-saħħa tar-regoli li jirregolawha; jew

(d) donazzjonijiet minn kwalunkwe entità privata bbażata f'pajjiż terz jew minn individwi minn pajjiż terz li mhumiex intitolati li jivvutaw fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.

76. Kull donazzjoni li ma tkunx permessa b'dan ir-Regolament għandha, fi żmien 30 jum wara d-data li fiha tkun rċevuta minn partit politiku Ewropew jew minn fondazzjoni politika Ewropea:

(a) tintbagħat lura lid-donatur jew lil kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem id-donatur; jew

(b) meta ma jkunx possibbli li tiġi rritornata, tiġi rrappurtata lill-Awtorità u lill-Parlament Ewropew.

⌦ Meta tiġi rapportata donazzjoni, skont l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), ⌫ l-L- Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jistabbilixxi l-ammont riċevibbli u jawtorizza l-irkupru f'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikoli minn 98 sa 100 tar-Regolament Finanzjarju ⌦ tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 ⌫. Il-fondi għandhom jiddaħħlu bħala dħul ġenerali fit-taqsima tal-Parlament Ewropew tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

---

⇩ ġdid

8. L-Awtorità għandha tagħmel verifiki meta jkollha raġunijiet biex temmen li donazzjoni tkun ingħatat bi ksur ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan tista' titlob informazzjoni addizzjonali mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika Ewropea u d-donaturi tagħhom.

---

🡻 1141/2014 (adattat)
⇨ ġdid

97. Għandhom ikunu permessi kontribuzzjonijiet ⌦ minn membri ta' ⌫ lil partit politiku Ewropew mill-membri tiegħu ⇨ li għandhom is-sede tagħhom fi Stat Membru jew li huma ċittadini tiegħu, jew minn partiti membri li għandhom is-sede tagħhom f'pajjiż li jappartjeni għall-Kunsill tal-Ewropa ⇦. Il-valur ⌦ totali ⌫ ta' tali l-kontribuzzjonijiet mill-membri ⌫ ma għandhomx jeċċedu 40 % tal-baġit annwali ta' dak il-partit politiku Ewropew. ⇨ Il-valur tal-kontribuzzjonijiet mill-partit membri li għandhom is-sede f'pajjiż barra mill-Unjoni ma għandhomx jeċċedu l-10 % tal-kontribuzzjonijiet totali minn dawn il-membri. ⇦

108. Għandhom ikunu permessi kontribuzzjonijiet lil fondazzjoni politika Ewropea mill-membri tagħha, ⌦ ta'fondazzjoni politika Ewropea ⌫ ⇨ li għandhom is-sede tagħhom fi Stat Membru jew li huma ċittadini tiegħu, jew minn organizzazzjonijiet membri li għandhom is-sede tagħhom f'pajjiż li jappartjeni għall-Kunsill tal-Ewropa ⇦, u mill-partit politiku Ewropew li miegħu hi affiljata. Il-valur total ⌫ ta' tali l-kontribuzzjonijiet ⌦ mill-membri ⌫ ma għandhomx jeċċedu l-40 % tal-baġit annwali ta' dik il- ⇦ fondazzjoni politika Ewropea u ma ⌦ għandhomx ⌫ jistgħux jiġu minn fondi rċevuti minn partit politiku

Ewropew mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea f'konformità ma' dan ir-Regolament.⇨ Il-valur tal-kontribuzzjonijiet mill-partit membri li għandhom is-sede f'pajjiż barra mill-Unjoni ma għandhomx jeċċedu l-10 % tal-kontribuzzjonijiet totali minn dawk il-membri. ⇦

Il-piż tal-prova għandu jaqa' fuq il-partit politiku Ewropew konċernat, li għandu jindika b'mod ċar fil-kontijiet tiegħu l-oriġini tal-fondi użati biex jiffinanzja l-fondazzjoni politika Ewropea affiljata miegħu.

11~~9~~. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 8~~7~~ u 9~~8~~, il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej jistgħu jaċċettaw minn ċittadini li jkunu membri tagħhom kontribuzzjonijiet sal-valur ta' EUR 18000 kull sena u għal kull membru, meta dawn il-kontribuzzjonijiet isiru mill-membru kkonċernat jew isiru f'ismu.

Il-limitu massimu stipulat fl-ewwel subparagrafu ma għandux japplika meta l-membru kkonċernat ikun ukoll membru elett tal-Parlament Ewropew, ta' parlament nazzjonali jew ta' parlament reġjonali jew assemblea reġjonali.

12~~10~~. Kull kontribuzzjoni li mhijiex permessa skont dan ir-Regolament għandha tintbagħat lura f'konformità mal-paragrafu 7~~6~~.

---

⇩ ġdid

13. Il-valur tar-riżorsi proprji ta' partit politiku Ewropew jew ta' fondazzjoni politika Ewropea ġġenerati minn attivitajiet ekonomiċi proprji ma għandux jaqbeż il-5 % tal-baġit annwali ta' dak il-partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea.

---

🡻 1141/2014 (adattat)

*Artikolu 24~~21~~*

**Finanzjar ta' kampanji ~~fil-kuntest ta' elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew~~**

1. Suġġett għat-tieni subparagrafu, il-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew minn kwalunkwe sors ieħor jista' jintuża biex jiffinanzja kampanji mmexxija minn partiti politiċi Ewropej fil-kuntest tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, li fihom huma, jew il-membri tagħhom, jipparteċipaw kif jeżiġi ~~fil-punt (d) ta~~l-Artikolu 3(1), il-punt (f).

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Att dwar l-elezzjoni ta' membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett[36], il-finanzjament, u l-limitazzjoni possibbli tal-ispejjeż għall-elezzjonijiet għall-partiti politiċi, il-kandidati kollha u t-terzi kollha, l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, flimkien mal-parteċipazzjoni tagħhom fihom, huma regolati f'kull Stat Membru minn dispożizzjonijiet nazzjonali.

---

⇩ ġdid

2. Il-finanzjament ta' partiti politiċi Ewropej u ta' fondazzjonijiet politiċi Ewropej mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew minn xi sors ieħor jista' jintuża biex jiffinanzja kampanji referendarji meta dawn il-kampanji jkunu jikkonċernaw l-implimentazzjoni tat-Trattati tal-Unjoni.

[36] ĠU L 278, 8.10.1976, p. 5.

| ⬇ 1141/2014 (adattat) |
|---|
| ⇨ ġdid |

32. In-nefqa marbuta mal-kampanji msemmija fil-paragrafu 1 ⇨ u 2 ⇦ għandhom ikunu identifikati b'mod ċar bħala tali mill-partiti politiċi Ewropej fir-rapporti finanzjarji annwali tagħhom.

*Artikolu 2522*

**Projbizzjoni ta' finanzjament**

1. Minkejja l-Artikolu 2421(1) il-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew minn xi sors ieħor ma għandux jintuża għall-finanzjament dirett jew indirett ta' partiti politiċi oħra, u b'mod partikolari l-partiti nazzjonali jew il-kandidati. Dawn il-partiti politiċi nazzjonali u l-kandidati għandhom jibqgħu jiġu regolati minn regoli nazzjonali.

2. Il-finanzjament ta' fondazzjonijiet politiċi Ewropej mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew minn kwalunkwe sors ieħor ma għandux jintuża għall-ebda skop ieħor ħlief dak tal-finanzjament tal-kompiti tagħhom kif elenkati fil-punt (4) tal-Artikolu 2, il-punt (4), u biex jitħallas l-infiq marbut direttament mal-objettivi stabbiliti fl-istatuti tagħhom f'konformità mal-Artikolu 65. B'mod partikolari ma għandux jintuża għall-finanzjament dirett jew indirett ta' elezzjonijiet, ta' partiti politiċi, jew kandidati jew fondazzjonijiet oħra.

~~3. Il-finanzjament ta' partiti politiċi Ewropej u ta' fondazzjonijiet politiċi Ewropej mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew minn kwalunkwe sors ieħor ma għandux jintuża biex jiffinanzja kampanji referendarji.~~

# KAPITOLU V

# *KONTROLL U SANZJONIJIET*

*Artikolu 2623*

**Obbligi fejn jidħlu l-kontabilità, ir-rappurtar u l-awditjar**

1. Mhux aktar tard minn sitt xhur wara tmiem is-sena finanzjarja, il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jippreżentaw lill-Awtorità, b'kopja lill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew u lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali Kompetenti tal-Istat Membru tas-sede tagħhom:

(a) id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali tagħhom flimkien ma' noti li jakkumpanjawhom, li jkopru d-dħul u l-infiq tagħhom, u l-assi u l-obbligazzjonijiet fil-bidu u fit-tmiem tas-sena finanzjarja, f'konformità mal-liġi applikabbli fl-Istat Membru li fih ikollhom is-sede tagħhom~~ u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali tagħhom fuq il-bażi tal-istandards ta' kontabilità internazzjonali definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru. 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill~~;

(b) rapport tal-awditjar estern dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, li jkopri kemm l-affidabbiltà ta' dawn id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kif ukoll il-legalità u r-regolarità tad-dħul u l-infiq tagħhom, li jsir minn entità jew espert indipendenti; ~~u~~

(c) il-lista ta' donaturi u kontributuri u d-donazzjonijiet jew kontribuzzjonijiet korrispondenti tagħhom irrappurtati f'konformità mal-Artikolu 2320(2), (3) u (4).

2. Meta n-nefqa tiġi implimentata mill-partiti politiċi Ewropej konġuntement ma' partiti politiċi nazzjonali jew minn fondazzjonijiet politiċi Ewropej konġuntement ma' fondazzjonijiet politiċi nazzjonali, jew ma' organizzazzjonijiet oħra, għandha tiġi inkluża fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali msemmija fil-paragrafi 1 evidenza tan-nefqa li jkunu għamlu l-partiti politiċi Ewropej jew il-fondazzjonijiet politiċi Ewropej direttament jew permezz ta' dawn it-terzi.

3. L-entitajiet jew l-esperti esterni indipendenti msemmija fil-~~punt (b) tal-~~paragrafu 1, il-punt (b), għandhom jintgħażlu, jingħataw mandat u jitħallsu mill-Parlament Ewropew. Huma għandhom jiġu awtorizzati kif xieraq biex jawditjaw il-kontijiet skont il-liġi applikabbli fl-Istat Membru li fih ikollhom is-sede tagħhom jew fejn ikunu stabbiliti.

4. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jagħtu kwalunkwe informazzjoni li jitolbu l-entitajiet jew l-esperti indipendenti għar-raġuni tal-awditjar tagħhom.

5. L-entitajiet jew l-esperti indipendenti għandhom jinformaw lill-Awtorità u lill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew dwar kwalunkwe suspett ta' attività illegali, frodi jew korruzzjoni li jistgħu jkunu ta' ħsara għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni. L-Awtorità u l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandhom jinformaw lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali kkonċernati dwar dan.

*Artikolu 27~~24~~*

**Regoli ġenerali dwar il-kontroll**

1. Il-kontroll tal-konformità mill-partiti politiċi Ewropej u mill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej mal-obbligi b'dan ir-Regolament għandhom jiġu eżerċitati, f'kooperazzjoni, mill-Awtorità, mill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew u mill-Istati Membri kompetenti.

2. L-Awtorità għandha tikkontrolla l-konformità tal-partiti politiċi Ewropej u mill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej mal-obbligi tagħhom b'dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikolu 3, ~~il-punti (a), (b) u (d) sa (f) ta~~l-Artikolu 4(1), il-punti (a), (b), (d), (e) u (f), ~~il-punti (a) sa (e) u (g) ta~~l-Artikolu 6~~5~~(1), il-punti minn (a) sa (e) u (g), l-Artikolu 10~~9~~(5) u (6), u l-Artikoli 23~~20~~, 24~~21~~ u 25~~22~~.

L-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jikkontrolla l-konformità mill-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej tal-obbligi relatati mal-finanzjament mill-Unjoni b'dan ir-Regolament ~~skont ir-Regolament Finanzjarju~~ ⌦ f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 ⌫ . Fit-twettiq ta' dawn il-kontrolli, il-Parlament Ewropew għandu jieħu l-miżuri meħtieġa fl-oqsma tal-prevenzjoni tal-frodi u tal-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

3. Il-kontroll mill-Awtorità u mill-Uffiċjal Awtorizzanti tal- Parlament Ewropew imsemmi fil-paragrafu 2 ma għandux jestendi għall-konformità tal-Partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej mal-obbligi tagħhom skont il-liġi nazzjonali applikabbli kif jingħad fl-Artikolu 17~~14~~.

4. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jagħtu kull informazzjoni mitluba mill-Awtorità, mill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew, mill-Qorti tal-Awdituri, mill-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF) jew mill-Istati Membri li tkun meħtieġa għall-iskop li jsiru kontrolli li għalihom ikunu responsabbli skont dan ir-Regolament.

B'talba u għal raġunijiet ta' kontroll ta' konformità mal-Artikolu 23~~20~~, il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jagħtu lill-Awtorità informazzjoni

rigward il-kontribuzzjonijiet magħmula minn membri individwali u l-identità ta' dawn il-membri. Barra minn hekk, fejn xieraq, l-Awtorità tista' tirrikjedi lill-partiti politiċi Ewropej li jagħtu dikjarazzjonijiet ta' konferma ffirmati mill-membri li għandhom mandati eletti għal raġunijiet ta' kontroll tal-konformità mal-kundizzjoni stipulata fl-ewwel subparagrafu tal-punt (b) tal-Artikolu 3(1), il-punt (b) (i).

*Artikolu 2825*

**Implimentazzjoni u kontroll fir-rigward tal-finanzjament mill-Unjoni**

1. L-approprjazzjonijiet għall-finanzjament ta' partiti politiċi Ewropej u fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom ikunu determinati skont il-proċedura baġitarja annwali u għandhom jiġu implimentati dan ir-Regolament u skont ir-Regolament Finanzjarju ⌦ f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 ⌫ .

It-termini u l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjonijiet u għotjiet għandhom ikunu stabbiliti mill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew fis-sejħa għal kontribuzzjonijiet u s-sejħa għall-proposti.

2. Il-kontroll tal-finanzjament riċevut mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u l-użu tiegħu għandu jkun eżerċitat skont ir-Regolament Finanzjarju ⌦ f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 ⌫.

Il-kontroll għandu jiġi eżerċitat ukoll fuq il-bażi ta' ċertifikazzjoni annwali permezz ta' awditjar estern u indipendenti, kif provdut fl-Artikolu 2623(1).

3. Il-Qorti tal-Awdituri għandha tħaddem is-setgħat ta' awditjar tagħha f'konformità mal-Artikolu 287 TFUE.

4. Kull dokument jew informazzjoni meħtieġa mill-Qorti tal-Awdituri sabiex tkun tista' twettaq il-kompitu tagħha għandu jiġi mgħoddi lilha b'talba tagħha mill-partiti politiċi Ewropej u mill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej li jirċievu finanzjament f'konformità ma' dan ir-Regolament.

5. Id-deċiżjoni jew ftehima li bihom isiru il-kontribuzzjoni u l-għotja għandhom jipprovdu espressament għall-awditjar mill- Parlament Ewropew u mill-Qorti tal-Awdituri, fuq il-bażi tar-rekords u fil-post, tal-partit politiku Ewropew li jkun irċieva kontribuzzjoni jew il-fondazzjoni politika Ewropea li tkun irċeviet għotja mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

6. Il-Qorti tal-Awdituri u l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew, jew xi korp ieħor estern awtorizzat mill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew, jistgħu jwettqu l-kontrolli u l-verifiki meħtieġa fil-post sabiex jivverifikaw il-legalità tan-nefqa u l-implimentazzjoni xierqa tad-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni jew il-ftehim li bihom isiru l-kontribuzzjoni u l-għotja, u, fil-każ ta' fondazzjonijiet politiċi Ewropej, l-implimentazzjoni korretta tal-programm ta' ħidma jew l-azzjoni. Il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea inkwistjoni għandhom ifornu kull dokument jew informazzjoni meħtieġa biex dan il-kompitu jitwettaq

7. L-OLAF jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fil-post, f'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stipulati fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37] u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE)

[37] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

Nru 2185/96[38], bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interess finanzjarju tal-Unjoni b'rabta ma' kontribuzzjonijiet jew għotjiet taħt dan ir-Regolament. Meta jkun xieraq, ir-riżultati tal-investigazzjonijiet tiegħu jistgħu jagħtu lok għal deċiżjonijiet ta' rkupru mill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew.

*Artikolu ~~29~~26*

**Sostenn tekniku**

Is-sostenn tekniku kollu provdut mill-Parlament Ewropew lil partiti politiċi Ewropej għandu jsir skont il-prinċipju ta' aċċess ugwali. Għandu jingħata fuq kundizzjonijiet xejn inqas favorevoli minn dawk li jgħoddu għal organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet esterni oħrajn li jistgħu jingħataw faċilitajiet simili u għandu jingħata kontra l-fornitura ta' fattura u bi ħlas.

*Artikolu 30~~27~~*

**Sanzjonijiet**

1. F'konformità mal-Artikolu 19~~16~~, l-Awtorità għandha tiddeċiedi li tneħħi partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea mir-Reġistru bħala sanzjoni fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) meta l-partit jew il-fondazzjoni inkwistjoni ⇨ jkunu f'waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 ⇦ ~~jkunu nstabu permezz ta' sentenza li jkollha s-saħħa ta' res judicata li ingaġġaw f'attivitajiet illegali ta' detriment għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif definiti fl-Artikolu 106(1) tar-Regolament Finanzjarju~~;

---

🡻 2018/673 Artikolu 1.9(a)

(b) meta jiġi stabbilit, f'konformità mal-proċeduri stipulati fl-Artikolu 11~~10~~ minn (2) sa (5), li ma jkunux għadhom jissodisfaw waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3(1) jew (2);

---

🡻 2018/673 Artikolu 1.9(b) (adattat)

(c~~ba~~) meta d-deċiżjoni għar-reġistrazzjoni tal-partit jew tal-fondazzjoni inkwistjoni tkun ibbażata fuq informazzjoni żbaljata jew żvijanti li għaliha jkun responsabbli l-applikant, jew fejn tali deċiżjoni tkun inkisbet bil-qerq; ~~jew~~

---

🡻 1141/2014
⇨ ġdid

(d~~e~~) meta talba ta' Stat Membru li jsir qtugħ mir-reġistru għal raġunijiet ta' nuqqas serju li jitwettqu l-obbligi skont il-liġi nazzjonali tkun tissodisfa r-rekwiżiti stipulati f~~il-punt (b) ta~~l-Artikolu 19~~16~~(3), il-punt (b).

---

[38] Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fil-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

2. L-Awtorità għandha timponi sanzjonijiet finanzjarji fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) ksur mhux kwantifikabbli:

(i) fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 109(5) jew (6):

(ii) f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-impenji meħuda u l-informazzjoni mogħtija minn partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea skont il-punti (a), (b) u (d) sa (f) taf'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punti (a), (b), (d), (e), (f), ⇨ (i) u (j) ⇦ u mal-punti (a), (b), (d) u (e) tal-Artikolu 65(1), il-punti (a), (b), (d) u (e);

(iii) fil-każ li ma tintbagħatx il-lista tad-donaturi flimkien mad-donazzjonijiet korrispondenti tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 2320(2) jew fil-każ li ma jiġux irrappurtati d-donazzjonijiet skont l-Artikolu 2320(3) u (4);

(iv) meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jkunu kisru l-obbligi stipulati fl-Artikolu 2623(1) jew fl-Artikolu 2724(4);

(v) meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jkunu instabu permezz ta' sentenza li jkollha s-saħħa ta' res judicata li jkunu ingaġġaw f'attivitajiet illegali li huma ta' detriment għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif definiti fl-Artikolu 106(1) tar-Regolament Finanzjarju ⇨ jkunu f'waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 ⇦;

(vi) meta l-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati jkunu fi kwalunkwe ħin bi ħsieb naqsu milli jagħtu informazzjoni jew bi ħsieb taw informazzjoni mhix korretta jew qarrieqa, jew fejn l-entitajiet awtorizzati minn dan ir-Regolament biex jawditjaw jew iwettqu kontrolli fuq il-benefiċjarji tal-finanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jsibu ineżattezzi fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali li jitqiesu li jikkostitwixxu nuqqasijiet materjali jew dikjarazzjonijiet mhux korretti ta' entrati skont l-istandards internazzjonali tal-kontabilità definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39];

---

| ➜ 2019/493 Artikolu 1.6(a) |
|---|

(vii) meta, f'konformità mal-proċedura ta' verifika prevista fl-Artikolu 1210a, jiġi stabbilit li partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jkunu influwenzaw, jew ippruvaw jinfluwenzaw, deliberatament l-eżitu tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew billi jkunu ħadu vantaġġ minn ksur tar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni ta' *data* personali;

---

| ⇩ ġdid |
|---|

(viii) fil-każ ta' nuqqas ta' forniment ta' evidenza dwar l-użu ta' logos u l-pubblikazzjoni ta' programmi politiċi skont l-Artikolu 21(3);

---

39 Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità (ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1).

(ix) fil-każ ta' nuqqas ta' forniment ta' evidenza dwar rappreżentanza tal-ġeneri f'konformità mal-Artikolu 21(4).

---

🡻 1141/2014 (adattat)
⇨ ġdid

(b) ksur kwantifikabbli:

(i) meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jkunu aċċettaw donazzjonijiet u kontribuzzjonijiet li ma jkunux permessi skont l-Artikolu 23~~20~~(1) jew (5), ħlief jekk ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 23~~20~~(7~~6~~);

(ii) f'każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 24~~21~~ u 25~~22~~.

3. L-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew jista' jeskludi partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea minn finanzjament futur mill-Unjoni sa ħames snin jew sa 10 snin f'każijiet ta' ksur ripetut f'perjodu ta' ħames snin, meta jkunu nstabu ħatja tal-ksur elenkat fil-~~punti (v) u (vi) tal-punt (a) tal-~~paragrafu 2, il-punti (a)(v) u (vi).. Dan hu mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew kif stipulati fl-Artikolu ~~204n~~ 231 ~~tar-Regolament Finanzjarju~~ ⌦ tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 ⌫ .

4. Għall-fini tal-paragrafi 2 u 3, għandhom jiġu imposti s-sanzjonijiet finanzjarji li ġejjin fuq partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea:

(a) f'każijiet ta' ksur mhux kwantifikabbli, perċentwali fiss tal-baġit annwali tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati ⌦ kif ġej ⌫:

(i) ⇨ sa ⇦ 5 %;~~,~~ ~~jew~~

(ii) ⇨ minn 5 % sa 10 % ⇦ ~~7,5 %~~ jekk ikun hemm ksur parallel ;~~,~~ ~~jew~~

(iii) ⇨ minn 10 % sa 15 % ⇦ ~~20 %~~ jekk il-ksur inkwistjoni jkun ksur ripetut,;~~,~~ ~~jew~~,

---

⇩ ġdid

(iv) minn 15 % sa 20 % fil-każ ta' ksur ripetut ulterjuri;

---

🡻 1141/2014 (adattat)
⇨ ġdid

(v) terz tal-perċentwali ~~hawn fuq~~ stipulati ⌦ fil-punt minn (i) sa (iv) ⌫ jekk il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati jkunu volontarjament iddikjaraw il-ksur qabel ma l-Awtorità tkun uffiċjalment fetħet investigazzjoni, ukoll fil-każ ta' ksur konkorrenti jew ta' ksur ripetut, u l-partit jew il-fondazzjoni kkonċernati jkunu ħadu l-miżuri korrettivi xierqa;~~,~~,

(vi) 50 % tal-baġit annwali tas-sena preċedenti tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati,, ~~meta jkunu nstabu permezz ta' sentenza li jkollha s-saħħa ta' res judicata li jkunu għamlu attivitajiet illegali li jkunu ta' detriment għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif definiti~~ ⇨ ikun f'waħda mis-sitwazzjonijiet ta# esklużjoni msemmija ⇦fl-Artikolu ~~106~~136(1) ~~tar-Regolament Finanzjarju~~ ⌦ tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 ⌫ ;

(b) f'każijiet ta' ksur kwantifikabbli, perċentwali fiss tal-ammont tas-somom irregolari rċevuti jew mhux rappurtati f'konformità mal-iskala li ġejja, sa massimu ta' 10 % tal-baġit annwali tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati:

– (i) 100 % tas-somom irregolari rċevuti jew mhux rappurtati jekk dawk is-somom ma jaqbżux il-EUR 50000;, jew

– (ii) 150 % tas-somom irregolari rċevuti jew mhux rappurtati jekk dawk is-somom jaqbżu l-EUR 50000 iżda ma jaqbżux il-EUR 100000;, jew

– (iii) 200 % tas-somom irregolari rċevuti jew mhux rappurtati jekk dawk is-somom jaqbżu il-EUR 100000 iżda ma jaqbżux il-EUR 150000;, jew

– (iv) 250 % tas-somom irregolari rċevuti jew mhux rappurtati jekk dawk is-somom jaqbżu il-EUR 150000 iżda ma jaqbżux il-EUR 200000;, jew

– (v) 300 % tas-somom irregolari rċevuti jew mhux rappurtati jekk dawk is-somom jaqbżu il-EUR 200000;, jew

– (vi) terz tal-perċentwali indikati hawn fuq fil-punti minn (i) sa (v) ⌫ jekk il-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati jkunu ddikjaraw il-ksur b'mod volontarju qabel ma l-Awtorità u/jew l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew ikunu uffiċjalment fetħu investigazzjoni u l-partit jew il-fondazzjoni kkonċernati jkunu ħadu l-miżuri korrettivi meħtieġa.

Għall-applikazzjoni tal-perċentwali indikati hawn fuq ⌦ fl-ewwel subparagrafu ⌫, kull donazzjoni jew kontribuzzjoni għandha titqies b'mod separat.

5. Kull meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jkunu wettqu ksur konkorrenti kontra dan ir-Regolament, għandha tiġi imposta biss is-sanzjoni stipulata għar-ksur l-aktar serju, ħlief meta jingħad mod ieħor fil-punt (a) tal-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a).

6. Is-sanzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament għandhom ikunu suġġetti għal perjodu ta' limitazzjoni ta' ħames ⇨ 10 ⇦ snin mid-data meta jitwettaq il-ksur ikkonċernat jew, fil-każ ta' ksur kontinwu jew ripetut, mid-data li fiha jieqaf dak il-ksur.

---

🡻 2019/493 Artikolu 1.6(b)

7. Meta deċiżjoni ta' awtorità superviżorja nazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 1210a tkun ġiet revokata jew meta jkun ngħata rimedju kontra tali deċiżjoni, u sakemm ir-rimedji nazzjonali kollha jkunu ġew eżawriti, l-Awtorità għandha twettaq rieżami ta' xi sanzjoni li tkun ġiet imposta skont il-punt (a)(vii) tal-paragrafu 2, il-punt (a)(vii), b'talba tal-partit politiku Ewropew jew il-fondazzjoni politika Ewropea inkwistjoni.

---

🡻 2018/673 Artikolu 1.10

*Artikolu 3127 a*

**Responsabbiltà ta' persuni fiżiċi**

meta l-Awtorità timponi sanzjoni finanzjarja fis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-punti (a)(v) jew (a)(vi) tal-Artikolu 2730(2), il-punti (a)(v) jew (a)(vi), hi tista', għall-fini tal-irkupru skont l-

Artikolu 3430(2), tistabbilixxi li persuna fiżika li tkun membru tal-korp amministrattiv, tal-ġestjoni jew superviżorju tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea, jew li jkollha s-setgħat ta' rappreżentanza, deċiżjonali jew ta' kontroll fir-rigward tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea tkun ukoll responsabbli għall-ksur, fil-każijiet li ġejjin:

(a) fis-sitwazzjoni msemmija fil-punt (a)(v) tal-Artikolu 3027(2), il-punt (a)(v), meta, fis-sentenza msemmija f'dik id-dispożizzjoni, il-persuna fiżika tkun instabet ukoll li tkun ukoll responsabbli għall-attivitajiet illegali inkwistjoni;

(b) fis-sitwazzjoni msemmija fil-punt (a)(vi) tal-Artikolu 27(2), il-punt (a)(vi), meta il-persuna fiżika tkun ukoll responsabbli għall-imġiba jew l-ineżattezzi inkwistjoni.

---

🡻 1141/2014

*Artikolu 3228*

**Kooperazzjoni bejn l-Awtorità, l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew u l-Istati Membri**

1. L-Awtorità, l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew u l-Istati Membri permezz tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għandhom jaqsmu l-informazzjoni u jżommu lil xulxin informati regolarment dwar kwistjonijiet relatati mad-dispożizzjonijiet ta' finanzjament, il-kontrolli u s-sanzjonijiet.

2. Għandhom jaqblu wkoll dwar arranġamenti prattiċi għal tali skambju ta' informazzjoni, inklużi r-regoli rigward l-iżvelar ta' informazzjoni kunfidenzjali jew evidenza u l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri.

---

⇩ ġdid

3. L-Awtorità u l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandhom regolarment jiskambjaw fehmiet u informazzjoni dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

---

🡻 1141/2014 (adattat)
➔1 2018/673 Artikolu 1.11(a)
⇨ ġdid

43. L-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jinforma lill-Awtorità dwar kwalunkwe sejbien li jista' jwassal għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet skont l-Artikolu 3027 minn (2) sa (4), bil-għan li l-Awtorità titħalla tieħu l-miżuri xierqa. ⇨ L-Awtorità għandha tieħu deċiżjoni dwar l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet fiż żmien [sitt xhur]. ⇦

54. L-Awtorità għandha tinforma lill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew dwar kull deċiżjoni li tkun ħadet fir-rigward ta' sanzjonijiet, bil-għan li tippermettilu jislet il-konsegwenzi xierqa skont ir-Regolament Finanzjarju ⌦ ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 ⌫.

*Artikolu 3329*

**Miżuri korrettivi u prinċipji ta' amministrazzjoni tajba**

1. ⇨ Bil-għan li jkun hemm konformità mal-obbligi msemmijin fl-Artikolu 38, ⇦ Qqabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali ⌦ tal-Awtorità ⌫ relatata ma' xi waħda mis-sanzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3027, l-Awtorità jew l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandhom jagħtu lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati l-opportunità li jdaħħlu dawk il-miżuri meħtieġa biex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni fi żmien raġonevoli, li normalment ma għandux jaqbeż xahar. B'mod partikolari, l-Awtorità jew l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandhom jippermettu l-possibbiltà li jiġu korretti żbalji klerikali u aritmetiċi, li jingħataw dokumenti jew informazzjoni addizzjonali fejn meħtieġ jew li jiġu korreguti l-iżbalji minuri li jista' jkun hemm.

2. Meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jonqsu milli jieħdu miżuri korrettivi fiż-żmien imsemmi fil-paragrafu 1, għandha tittieħed deċiżjoni rigward l-impożizzjoni tas-sanzjonijiet xierqa msemmija fl-Artikolu 3027.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fil-punti (b) sa (d) tal-Artikolu 3(1), il-punti minn (b) sa (f) u fil-punt (c) tal-Artikolu 3(2), il-punt (c).

*Artikolu 3430*

**Irkupru**

1. Fuq il-bażi ta' deċiżjoni tal-Awtorità li tneħħi partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea mir-Reġistru, l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jirtira jew iwaqqaf kwalunkwe deċiżjoni jew ftehim li jkunu għadhom fis-seħħ dwar il-finanzjament mill-Unjoni, ħlief fil-każ stipulat fil-punt (c) tal-Artikolu 1916(2), il-punt (c), u fil-punti (b) u (d) tal-Artikolu 3(1), il-punti (b) u (f). ⌦ Għandu ⌫ Hu għandu jirkupra wkoll kwalunkwe finanzjament mill-Unjoni, inklużi kwalunkwe fondi mhux minfuqa mis-snin preċedenti.

2. ➔1 Partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea li fuqhom tkun ġiet imposta xi sanzjoni għal kwalunkwe ksur elenkat fl-Artikolu 3027(1) u fil-punti (v) u (vi) ta; l-Artikolu 3027(2), il-punti (a) (v) u (vi), għandhom għal dik ir-raġuni ma jibqgħux konformi mal-Artikolu 2118(2). Bħala riżultat, l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jittermina l-ftehim jew deċiżjoni ta' kontribuzzjoni jew ta' għotja dwar finanzjament mill-Unjoni riċevut skont dan ir-Regolament, u għandu jirkupra ammonti li jkunu tħallsu indebitament skont il-ftehim jew deċiżjoni ta' kontribuzzjoni jew ta' għotja, inkluż kwalunkwe fond mhux minfuq tal-Unjoni minn snin preċedenti. L-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu wkoll jirkupra ammonti mħallsa indebitament skont il-ftehim jew deċiżjoni ta' kontribuzzjoni jew ta' għotja minn persuna fiżika li fir-rigward tagħha tkun ittieħdet deċiżjoni skont l-Artikolu 3127a, filwaqt li jqis, fejn applikabbli, ċirkostanzi eċċezzjonali relatati ma' dik il-persuna fiżika. ⇐

---

🡻 2018/673 Artikolu 1.11(b)

Fl-eventwalità ta' tali terminazzjoni, il-pagamenti mill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandhom ikunu limitati għan-nefqa rimborżabbli mġarrba mill-partit politiku Ewropew jew il-kostijiet eliġibbli mġarrba mill-fondazzjoni politika Ewropea sad-data meta d-deċiżjoni ta' terminazzjoni tidħol fis-seħħ.

| |
|---|
| 🡻 1141/2014 (adattat)<br>⇨ ġdid |

Dan il-paragrafu għandu jkun applikabbli wkoll għall-każijiet imsemmija f~~il-punt (c) ta~~l-Artikolu 19~~16~~(2), il-punt (c),u ~~fil-punti (b) u (d)~~ fl-Artikolu 3(1), il-punti (b) u (f).

# KAPITOLU VI

# *DISPOŻIZZJONIJIET FINALI*

*Artikolu 35~~31~~*

**Għoti ta' informazzjoni liċ-ċittadini**

Suġġett għall-Artikoli 24~~21~~ u 25~~22~~ u għall-istatuti u l-proċessi interni tagħhom stess, il-partiti politiċi Ewropej jistgħu fil-kuntest tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jinfurmaw liċ-ċittadini tal-Unjoni bl-affiljazzjonijiet li jeżistu bejn il-partiti politiċi nazzjonali u l-kandidati u l-partiti politiċi Ewropej kkonċernati.

*Artikolu 36~~32~~*

**Trasparenza**

1. Il-Parlament Ewropew ~~għandu jippubblika~~, taħt l-awtorità tal-Uffiċjal Awtorizzanti jew taħt dik tal-Awtorità, ⌦ għandu jippubblika dan li ġej ⌫ fuq sit web maħluq apposta għal dan il-għan, ⇨ f'format miftuħ u li jinqara minn apparat ⇦~~dan li ġej~~:

(a) l-ismijiet u l-istatuti tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej kollha rreġistrati, flimkien mad-dokumenti ppreżentati bħala parti mill-applikazzjonijiet tagħhom għal reġistrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 9~~8~~, mhux aktar tard minn erba' ġimgħat wara li l-Awtorità tkun adottat id-deċiżjoni tagħha u, wara dan, kwalunkwe emendi nnotifikati lill-Awtorità skont l-Artikolu 10~~9~~(5) u (6);

(b) lista tal-applikazzjonijiet li ma jkunux ġew approvati, flimkien mad-dokumenti ppreżentati bħala parti minnhom, flimkiem mal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 9~~8~~, u r-raġunijiet tar-rifjut, mhux aktar tard minn erba' ġimgħat wara li l-Awtorità tkun adottat id-deċiżjoni tagħha;

(c) rapport annwali b'tabella tal-ammonti mħallsa lil kull partit politiku Ewropew u kull fondazzjoni politika Ewropea, għal kull sena finanzjarja li għaliha jkunu ġew irċevuti kontribuzzjonijiet jew li jkunu tħallsu għotjiet mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea,

(d) id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali u r-rapporti ta' awditjar estern imsemmija fl-Artikolu 26~~23~~(1), u, fil-każ ta' fondazzjonijiet politiċi Ewropej, ir-rapporti finali dwar l-implimentazzjoni tal-programmi jew azzjonijiet ta' ħidma;

(e) l-ismijiet ta' donaturi u d-donazzjonijiet korrispondenti tagħhom irrappurtati minn partiti politiċi Ewropej u fondazzjonijiet politiċi Ewropej f'konformità mal-Artikolu 23~~20~~(2), (3) u (4), bl-eċċezzjoni ta' donazzjonijiet minn persuni fiżiċi li l-valur tagħhom ma jaqbiżx l-EUR 1500 fis-sena kull donatur, li għandhom jiġu rrappurtati bħala "donazzjonijiet minuri". Donazzjonijiet minn persuni fiżiċi li l-valur annwali tagħhom jaqbeż l-EUR 1500 u jkun anqas minn jew ekwivalenti għal EUR 3000 ma għandhomx jiġu ppubblikati mingħajr il-kunsens bil-miktub minn

qabel għall-pubblikazzjoni tagħhom tad-donatur korrispondenti. Meta ma jkun ingħata tali kunsens minn qabel, dawn id-donazzjonijiet għandhom jiġu rrappurtati bħala "donazzjonijiet minuri". Għandhom jiġu ppubblikati wkoll l-ammont totali ta' donazzjonijiet minuri u n-numru ta' donaturi għal kull sena kalendarja;

(f) il-kontribuzzjonijiet msemmija fl-Artikolu 2320(97) u (108) u rrappurtati minn partiti politiċi Ewropej u mill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej f'konformità mal-Artikolu 2320(2), inkluża l-identità tal-partiti membri jew l-organizzazzjonijiet li jkunu għamlu dawn il-kontribuzzjonijiet;

---

⇩ ġdid

(g) matul is-sitt xhur qabel l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, ir-rapporti ta' kull ġimgħa li jaslu skont l-Artikolu 23(3);

---

🡻 1141/2014

(hg) id-dettalji u r-raġunijiet ta' kull deċiżjoni finali meħuda mill-Awtorità skont l-Artikolu 3027, inkluż, fejn rilevanti, kull opinjoni adottata mill-kumitat ta' persuni eminenti indipendenti f'konformità mal-Artikoli 1110 u 1411, b'kunsiderazzjoni xierqa tar-Regolament (UE) 2018/1725(KE) Nru 45/2001;

(ih) id-dettalji ta' kwalunkwe deċiżjoni finali meħuda mill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 3027;

---

🡻 2018/673 Artikolu 1.12(a)

(ji) deskrizzjoni tal-appoġġ tekniku pprovdut lill-partiti politiċi Ewropej;

---

🡻 2018/673 Artikolu 1.12(b) (adattat)

(kj) ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u dwar l-attivitajiet iffinanzjati, kif jingħad fl-Artikolu 4238; u

---

🡻 2018/673 Artikolu 1.12(c)

(lk) lista aġġornata tal-Membri tal-Parlament Ewropew li jkunu membri ta' partit politiku Ewropew.

---

🡻 1141/2014 (adattat)

2. Il-Parlament Ewropew għandu jippubblika l-lista tal-persuni ġuridiċi li jkunu membri ta' partit politiku Ewropew, kif annessa mal-istatuti tal-partit f'konformità mal-Artikolu 4(2), u aġġornata f'konformità mal-Artikolu 109(6), kif ukoll in-numru globali ta' membri individwali.

3. Id-*data* personali għandha tiġi eskluża mill-pubblikazzjoni fis-sit web imsemmi fil-paragrafu 1 ħlief meta din id-*data* personali tiġi ppubblikata skont il-paragrafu 1, il-punti (a), (e) jew (g) tal-paragrafu 1.

4. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom, permezz ta' dikjarazzjoni ta' privatezza li tkun disponibbli għall-pubbliku, jipprovdu lil membri u donaturi potenzjali l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 13~~10~~ tar-Regolament (UE) 2016/679~~tad-Direttiva 95/46/KE~~, u għandhom jinfurmawhom li d-*data* personali tagħhom se tiġi pproċessata għal skopijiet ta' awditjar u ta' kontroll mill-Parlament Ewropew, mill-Awtorità, mill-OLAF, mill-Qorti tal-Awdituri, mill-Istati Membri, jew minn korpi jew esperti esterni li jkunu awtorizzati minnhom, u li d-*data* personali tagħhom għandha tiġi ppubblikata fis-sit web imsemmi fil-paragrafu 1 bil-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu. L-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew, fl-applikazzjoni tal-Artikolu 15~~11~~ tar-Regolament (UE) 2018/1725~~(KE) 45/2001~~, għandu jinkludi l-istess informazzjoni f'sejħiet għal kontribuzzjonijiet jew proposti kif jingħad fl-Artikolu 21~~18~~(1) ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 37~~33~~*

**Il-protezzjoni tad-*data* personali**

1. Fl-ipproċessar tad-*data* personali skont dan ir-Regolament, l-Awtorità, il-Parlament Ewropew u l-kumitat ta' persuni eminenti ~~stabbilit bl-~~ ⌦ imsemmi fl- ⌫Artikolu 14~~11~~ għandhom jikkonformaw mar-Regolament ~~(KE) Nru 45/2001~~(UE) 2018/1725. Għall-għanijiet tal-ipproċessar tad-*data* personali, huma għandhom jitqiesu bħala kontrolluri tad-*data* f'konformità ma~~il-punt (d) ta~~l-Artikolu ~~2~~3, il-punt (8), ta' dan ir-Regolament.

2. Fl-ipproċessar tad-*data* personali skont dan ir-Regolament, il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, l-Istati Membri meta jeżerċitaw kontroll fuq aspetti relatati mal-iffinanzjar tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej f'konformità mal-Artikolu 27~~24~~, u l-korpi jew esperti indipendenti awtorizzati biex jivverifikaw il-kontijiet skont l-Artikolu 26~~23~~(1) għandhom ikunu konformi mar-Regolament (UE) 2016/679~~mad-Direttiva 95/46/KE~~ u mad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont dan. Għall-għanijiet tal-ipproċessar tad-*data* personali, huma għandhom jitqiesu kontrolluri tad-*data* f'konformità mal-Artikolu 4,il-punt (7~~d~~) ta' ~~Artikolu 24 ta'dik~~ dak ~~id-Direttiva~~ir-Regolament.

3. L-Awtorità, il-Parlament Ewropew u l-kumitat ta' persuni eminenti ~~stabbilit bl-Artikolu~~ ⌦ imsemmijin fl-Artikolu ⌫ 14~~11~~ għandhom jiżguraw li d-*data* personali miġbura minnhom skont dan ir-Regolament ma tintużax għal kwalunkwe għan għajr dak li tiġi assigurata l-legalità, ir-regolarità u t-trasparenza tal-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej u s-sħubija tal-partiti politiċi Ewropej. Huma għandhom iħassru dik id-*data* personali kollha miġbura għal dik il-fini sa mhux aktar tard minn 24 xahar wara l-pubblikazzjoni tal-partijiet rilevanti f'konformità mal-Artikolu 36~~32~~.

4. L-Istati Membri u l-korpi jew l-esperti indipendenti awtorizzati biex jivverifikaw il-kontijiet għandhom jużaw id-*data* personali li jirċievu biss sabiex jeżerċitaw kontroll fuq l-iffinanzjar tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej. Huma għandhom iħassru din id-*data* personali f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli wara li tkun intbagħtet skont l-Artikolu 32~~28~~.

5. *Data* personali tista' tinżamm lil hinn mil-limiti ta' żmien stipulati fil-paragrafu 3 jew minn dak previst mil-liġi nazzjonali applikabbli kif jingħad fil-paragrafu 4 jekk dan ikun meħtieġ għall-fini ta' proċedimenti legali jew amministrattivi marbuta mal-finanzjament ta' partit politiku Ewropew jew ta' fondazzjoni politika Ewropea jew ta' sħubija ta' partit politiku Ewropew. Kull *data* personali bħal din għandha titħassar sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-*data* tal-konklużjoni tat-tali proċedimenti permezz ta' deċiżjoni finali, jew wara li jkun tlesta l-proċess ta' kwalunkwe verifika, appell, litigazzjoni jew pretensjoni.

6. Il-kontrolluri tad-*data* msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jipproteġu d-*data* personali kontra qerda aċċidentali jew illegali, telf aċċidentali, tibdil jew żvelar jew aċċess mhux awtorizzat, partikolarment meta l-ipproċessar ta' tali *data* jinvolvi t-trażmissjoni tagħha fuq netwerk, u kontra kull forma oħra illegali ta' pproċessar.

7. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* għandu jkun responsabbli li jissorvelja u li jiżgura li l-Awtorità, il-Parlament Ewropew u l-kumitat ta' persuni eminenti ~~stabbilit bl~~ ⌦ imsemmi fl⌫-Artikolu 14~~11~~ jirrispettaw u jipproteġu d-drittijiet fundamentali u l-libertajiet ta' persuni fiżiċi fl-ipproċessar ta' *data* personali, f'konformità ma' dan ir-Regolament. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju ġudizzjarju, kull suġġett tad-*data* jista' jippreżenta lment għand il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* jekk hu jew hi tqis li d-dritt tiegħu jew tagħha għall-protezzjoni tad-*data* personali tagħhom ikun inkiser bħala riżultat tal-ipproċessar tagħha mill-Awtorità, mill-Parlament Ewropew jew mill-kumitat.

8. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, l-Istati Membri u l-entitajiet jew l-esperti indipendenti awtorizzati biex jawditjaw il-kontijiet skont dan ir-Regolament għandhom ikunu responsabbli f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli għal kwalunkwe dannu li jikkawżaw fl-ipproċessar tad-*data* personali skont dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu applikati sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi fil-każ ta' ksur ta' dan ir-Regolament, tar-Regolament (UE) 2016/679~~tad-Direttiva 95/46/KE~~ u tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din, u b'mod partikolari għall-użu frodulenti tad-*data* personali.

---

⬇ 2018/673 Artikolu 1.13

*Artikolu 38~~34~~*

**Dritt ta' smigħ**

Qabel ma l-Awtorità jew l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew jieħdu deċiżjoni li tista' taffettwa b'mod negattiv id-drittijiet ta' partit politiku Ewropew, ta' fondazzjoni politika Ewropea, ta' applikant kif imsemmi fl-Artikolu 9~~8~~ jew ta' persuna fiżika kif imsemmi fl-Artikolu 31~~27a~~, għandhom jisimgħu r-rappreżentanti tal-partit politiku Ewropew, tal-fondazzjoni politika Ewropea jew tal-applikant, jew lil-persuna fiżika ikkonċernati. L-Awtorità jew il-Parlament Ewropew għandhom jiddikjaraw debitament ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħhom.

---

⬇ 1141/2014 (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 39~~35~~*

**Dritt ta' appell**

Deċiżjonijiet li jittieħdu skont dan ir-Regolament jistgħu jkunu s-suġġett ta' proċedimenti tal-qorti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-TFUE.

*Artikolu 40~~36~~*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija ⇨ fl-Artikolu 5 (2) u (4), ⇦ fl-Artikolu 8~~7~~(2) u fl-Artikolu 9~~8~~(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ⌦ ta' żmien ⌫ ⇨ indeterminat ⇦ ~~ta' ħames snin~~ mill-~~24 ta' Novembru 2014~~ ⇨ [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] ⇦ . ~~Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.~~

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-⇨Artikolu 5(2) u (4), ⇦fl-Artikolu 8~~7~~(2) u fl-Artikolu 9~~8~~(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'din id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità ta' ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

⌦ 4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. ⌫

5~~4~~. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6~~5~~. Att delegat adottat skont ⇨ l-Artikolu 5 (2) jew (4), ⇦ l-Artikolu 8~~7~~(2) ~~u~~ ⌦ jew ⌫ l-Artikolu 9~~8~~(3) għandu jidħol fis-seħħ biss meta ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika tal-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dan il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li huma ma jkunux se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 41~~37~~*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna ~~minn kumitat~~ ⌦ mill-…. [isem il-kumitat] stabbilit minn … [referenza għall-att ġuridiku li ħoloq il-kumitat] ⌫. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

---

| ↓ 2018/673 Artikolu 1.14 (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

*Artikolu 42~~38~~*

**Evalwazzjoni**

Il-Parlament Ewropew għandu, wara li jikkonsulta l-Awtorità, jippubblika sa ⇨ [sena mill-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew] ⇦~~l-31 ta' Diċembru 2021 u kull ħames snin wara dik id-data~~ rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u dwar l-attivitajiet iffinanzjati. Ir-rapport għandu jindika, fejn xieraq, emendi li jistgħu jsiru fl-istatut u fis-sistemi ta' finanzjament.

Mhux aktar minn ~~sitt xhur~~ ⇨ sena ⇦wara l-pubblikazzjoni tar-rapport mill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ⇨ akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposta biex temenda dan ir-Regolament. ⇦ ⌦ Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jagħti ⌫ ~~li fih tingħata~~ attenzjoni partikolari lill-implikazzjonijiet ~~tiegħu~~ ⌦ ta' ⌫ ⌦dan ir-Regolament ⌫ għall-pożizzjoni tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ~~Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposta leġiżlattiva biex jiġi emendat dan ir-Regolament.~~ ⇨ Madankollu, ir-rapport tal-Kummissjoni ma għandux ikopri l-evalwazzjoni tar-rekwiżiti għar-reklamar politiku stabbiliti f'dan ir-Regolament, li għandha tkun parti mir-rapport imsemmi fl-Artikolu 19 tar-Regolament 2022/xx [dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku]. ⇦

---

| ↓ 1141/2014 (adattat) |
|---|

*Artikolu 43~~39~~*

**Applikazzjoni effikaċi**

L-Istati Membri għandhom jagħmlu tali dispożizzjoni kif ikun xieraq biex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament.

~~*Artikolu 40*~~

~~**Tħassir**~~

~~Ir-Regolament (KE) Nru 2004/2003 jitħassar b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Madankollu għandu jkompli japplika fir-rigward tal-atti u tal-impenji relatati mal-finanzjament tal-partiti politiċi u tal-fondazzjonijiet politiċi fil-livell Ewropew għas-snin ta' baġit 2014, 2015, 2016 u 2017.~~

---

| ↓ 2018/673 Artikolu 1.15 |
|---|

*Artikolu 44~~40a~~*

**Dispożizzjoni tranżitorja**

~~1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament applikabbli qabel l-4 ta' Mejju 2018 għandhom ikomplu japplikaw fir-rigward tal-atti u l-impenji relatati mal-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej fil-livell Ewropew għas-sena finanzjarja 2018.~~

~~2. B'deroga mill-Artikolu 18(2a), l-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni tal-Parlament Ewropew għandu, qabel jiddeċiedi dwar applikazzjoni dwar finanzjament għas-sena finanzjarja 2019, jirrikjedi l-evidenza msemmija fl-Artikolu 18(2a) biss għal perjodu mill-5 ta' Lulju 2018.~~

~~3. Il-partiti politiċi Ewropej reġistrati qabel l-4 ta' Mejju 2018 għandhom, sa mhux aktar tard mill-5 ta' Lulju 2018, jippreżentaw dokumenti li jippruvaw li huma jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fil-punti (b) u (ba) tal-Artikolu 3(1).~~

~~4. L-Awtorità għandha tneħħi mir-Reġistru partit politiku Ewropew u l-fondazzjoni politika Ewropea affiljata miegħu fejn il-partit inkwistjoni ma jipproduċix prova fit-terminu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 3 li turi li jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-punti (b) u (ba) tal-Artikolu 3(1).~~

---

⇩ ġdid

1. B'deroga mill-Artikolu 5(4), sa [ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], ir-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-politika għall-użu ta' reklamar politiku għandu jkopri r-reklami politiċi ppubblikati mill-partit politiku Ewropew minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. L-ewwel rapport għandu jitħejja sa [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

2. Fir-rigward tal-applikazzjonijiet għal finanzjament għall-ewwel sena finanzjarja wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jitlob biss l-evidenza msemmija fl-Artikolu 21(4) u (5) għall-perjodu ta' sitt xhur preċedenti għall-applikazzjoni.

---

🡻 2018/673 Artikolu 1.15 (adattat)

*Artikolu 45*

⌦ ***Tħassir*** ⌫

⌦ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 huwa mħassar. ⌫

⌦ Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.⌫

---

🡻 1141/2014 (adattat)

*Artikolu 46~~41~~*

**Dħul fis-seħħ ~~u applikazzjoni~~**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

~~Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati kif jingħad fl-Artikolu 7(2) u fl-Artikolu 8(3)(a) sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2015.~~

~~Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2017. L-Awtorità msemmija fl-Artikolu 6 madankollu għandha tiġi stabbilita sal-1 ta' Settembru 2016. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej reġistrati wara l-1 ta' Jannar 2017 jistgħu japplikaw biss għall-finanzjament għall-attivitajiet li se jinbdew fis-sena baġitarja tal-2018 jew wara.~~

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |